MT

2013

Rapport tal-Attività

IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

E-mail: eca-info@eca.europa.eu
Internet: http://eca.europa.eu

Twitter: @EUAuditorsECA
YouTube: EUAuditorsECA

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar
l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa
(http://europa.eu).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2014

ISBN 978-92-9241-760-4
doi:10.2865/48270

© L-Unjoni Ewropea, 2014
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.
Ritratt tal-bini tal-QEA. Perit: Jim Clemes (2004 & 2013).

Printed in Luxembourg

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Missjoni

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri hija l-istituzzjoni tal-UE stabbilita bit-Trattat biex twettaq l-awditu tal-finanzi tal-UE. Bħala l-awditur estern tal-UE, hija tikkontribwixxi għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE, tippromwovi l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza u taġixxi bħala l-gwardjan indipendenti tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini tal-Unjoni.

Viżjoni

Qorti tal-Awdituri indipendenti u dinamika, rikonoxxuta għall-integrità u l-imparzjalità tagħha, rispettata għall-professjonaliżmu tagħha u għall-kwalità u l-impatt ta' xogħolha, u li tipprovdi appoġġ kruċjali lill-partijiet interessati tagħha fit-titjib tal-ġestjoni tal-finanzi tal-UE.

Valuri

Indipendenza, integrità u imparzjalità	Professjonaliżmu	Żieda fil-valur	Eċċellenza u effiċjenza
Indipendenza, integrità u imparzjalità tal-istituzzjoni, tal-Membri u tal-persunal tagħha. It-twettiq ta' awditjar b'mod imparzjali filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-opinjonijiet tal-partijiet interessati iżda mingħajr ma tfittex istruzzjonijiet jew iċċedi għal pressjoni minn kwalunkwe sors estern.	Iż-żamma ta' standard eżemplari ta' professjonaliżmu fl-aspetti kollha ta' xogħolha. L-involviment fl-iżvilupp tal-awditjar pubbliku fl-UE u madwar id-dinja.	Il-produzzjoni ta' rapporti rilevanti, f'waqthom u ta' kwalità għolja, ibbażati fuq sejbiet u evidenza sodi, li jindirizzaw it-tħassib tal-partijiet interessati u jagħtu messaġġi qawwijin u awtoritattivi. Il-kontribut għal titjib effettiv tal-ġestjoni tal-UE u għall-obbligu ta' rendikont imsaħħaħ fil-ġestjoni tal-fondi tal-UE.	L-apprezzament ta' individwi, l-iżvilupp ta' talenti u l-ippremjar għal prestazzjoni. L-użu ta' komunikazzjoni effettiva sabiex jiġi promoss spirtu ta' tim. Il-massimizzazzjoni tal-effiċjenza fl-aspetti kollha tax-xogħol.

Werrej

03

Paġna

4-5 **Kelmtejn minn qabel mingħand il-president**

6 **Daqqa t'għajn lejn l-2013**
6 L-attivitajiet tagħna
6 It-tmexxija tagħna

7-36 **L-attivitajiet tagħna**
7-29 Rapporti tal-awditjar u opinjonijiet
30-34 Relazzjonijiet ma' partijiet interessati
35-36 Avvenimenti sinifikanti

37-43 **Il-maniġment tagħna**
37-39 Il-Kulleġġ tal-QEA
40-43 Kejl tal-prestazzjoni tal-QEA

44-47 **Appoġġ għall-awditjar**
44-46 Riżorsi umani
46 Taħriġ professjonali
46-47 Traduzzjoni
47 Teknoloġija tal-informatika
47 Amministrazzjoni u faċilitajiet

48-49 **Informazzjoni finanzjarja**
48-49 Implimentazzjoni tal-baġit 2013
49 Baġit għall-2014

50 **Awditu u obbligu ta' rendikont**
50 Awditu intern tal-QEA
50 Awditu estern tal-QEA

51 **Dikjarazzjoni mill-uffiċjal awtorizzanti b'delega**

Kelmtejn minn qabel mingħand il-president

Għażiż qarrej,

L-2013 kienet sena importanti għall-futur tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE. L-Unjoni Ewropea adottat il-qafas finanzjarju pluriennali u leġiżlazzjoni li se tirregola l-mod kif il-baġit tal-UE jintnefaq mill-2014 sal-2020.

Matul is-sena, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) pproduċiet **77 rapport u opinjoni**. Dawn il-prodotti huma r-riżultati tax-xogħol tal-awditjar finanzjarju, tal-konformità u tal-prestazzjoni tal-QEA.

Fihom ħafna informazzjoni importanti u ħafna rakkomandazzjonijiet rilevanti għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja u l-obbligu ta' rendikont tal-UE matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014 sa 2020. F'dan ir-rapport annwali tal-attività, jitfakkru għadd ta' messaġġi ewlenin.

L-2013 kienet sena importanti wkoll fl-iżvilupp tal-istituzzjoni tagħna. Hija mmarkat l-ewwel sena tal-**istrateġija l-ġdida** tagħna **għall-2013 sal-2017** li se tiggwida l-attivitajiet tal-QEA matul il-perjodu bl-objettiv li timmassimizza l-valur tal-kontribut tagħha għall-obbligu ta' rendikont pubbliku tal-UE.

Kelmtejn minn qabel mingħand il-president

L-istrateġija tinkludi 10 inizjattivi ewlenin għat-tħaddim tal-istrateġija li għandhom jiġu kkompletati sa tmiem l-2014. Sar progress tajjeb fuq dawn l-inizjattivi fl-2013. B'mod partikolari, il-QEA żviluppat **sistema ġdida għall-programmazzjoni tax-xogħol** u saritilha **evalwazzjoni** indipendenti **bejn il-pari** tal-prattika tal-awditjar tal-prestazzjoni tagħha. It-tim tal-evalwazzjoni bejn il-pari se jippubblika r-rapport tiegħu fl-ewwel tliet xhur tal-2014.

Fir-rispons kontinwat tagħha għall-kriżi ekonomika u finanzjarja, fl-2013 l-UE adottat mekkaniżmu superviżorju uniku (MSU) għall-banek, immexxi mill-Bank Ċentral Ewropew (BĊE), biex isaħħaħ l-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Dan ifisser rwol estiż għall-QEA fl-iżgurar tal-obbligu ta' rendikont tal-BĊE fis-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu. Dan ir-rispons u risponsi oħrajn tal-UE għall-kriżi finanzjarja u tad-dejn sovran jinvolvu għadd ta' miżuri leġiżlattivi ġodda, bidla totali fis-sistema superviżorja tas-settur finanzjarju u intervent internazzjonali massiv biex jingħata appoġġ lill-pajjiżi affettwati. B'rispons għal dawn l-iżviluppi ġodda fil-livell tal-UE, il-QEA ddeċidiet li toħloq tim għal proġetti speċjali sabiex tibni l-kapaċità tagħha biex tawditja l-qasam tal-governanza finanzjarja u ekonomika tal-UE.

Biex timmarka l-**35 anniversarju** tagħha, il-QEA organizzat żewġ avvenimenti li ġabru flimkien lill-Membri, il-persunal u l-partijiet interessati tagħha biex tenfasizza t-tħejjijiet tagħha għall-futur. L-ewwel avveniment kien **konferenza ta' livell għoli** dwar il-governanza u l-obbligu ta' rendikont Ewropej, indirizzata mill-President tal-Kunsill Ewropew, Herman van Rompuy. Il-QEA fetħet uffiċjalment ukoll **bini ġdid** fis-sit tagħha fil-Lussemburgu waqt ċerimonja unurata bil-preżenza ta' Jean-Claude Juncker li f'dak iż-żmien kien il-Prim Ministru tal-Lussemburgu. Il-bini l-ġdid jippromwovi l-ispirtu ta' tim billi jippermetti li l-Membri kollha u l-persunal kollu jaħdmu flimkien f'sit wieħed.

Għalkemm il-QEA hija stabbilita fil-Lussemburgu, xogħolha jieħu lit-timijiet tal-awditjar f'kull post fejn jintnefqu l-fondi tal-UE sabiex jiġbru l-evidenza meħtieġa għall-produzzjoni tar-rapporti tal-QEA. Ir-rapport annwali tal-attività 2013 jagħti ħarsa ġenerali lejn iż-żjarat tal-awditjar u r-rapporti prodotti. L-awditu tal-QEA tal-**appoġġ mill-UE lill-Awtorità Palestinjana** jingħata prominenza. Dan jipprovdi eżempju pittoresk ta' x'jinħtieġ li jsir biex il-QEA twettaq il-missjoni tagħha, u jagħti xiehda tal-impenn u l-professjonaliżmu tal-persunal tal-QEA, li fuq il-kompetenzi u x-xogħol iebes tagħhom iċ-ċittadini li hija taqdi jistgħu dejjem jiddependu.

Vítor Manuel da Silva Caldeira
President

Daqqa t'għajn lejn l-2013

L-attivitajiet tagħna

- **Rapporti annwali** dwar il-baġit tal-UE u dwar il-FEŻ għas-sena finanzjarja 2012, li jipprovdu ċarezza u informazzjoni mtejba
- 50 **rapport annwali speċifiku** ppubblikati dwar l-aġenziji, il-korpi deċentralizzati u l-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE għas-sena finanzjarja 2012
- 19-il **rapport speċjali** adottati fuq oqsma baġitarji speċifiċi jew fuq suġġetti dwar il-ġestjoni, li jestendu mill-appoġġ tal-UE għall-industrija tal-ikel sal-assistenza għall-iżvilupp mill-UE fl-Asja Ċentrali
- 6 **opinjonijiet u prodotti oħra** li jagħtu kontributi dwar ir-riforma tal-baġit, bħar-riforma ta' diversi fondi tal-UE, ir-regolament finanzjarju tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit tal-UE, u appoġġ finanzjarju għal partiti politiċi u fundazzjonijiet politiċi fil-livell Ewropew
- Organizzazzjoni ta' **konferenza ta' livell għoli** dwar il-governanza u l-obbligu ta' rendikont Ewropej fil-preżenza tal-President tal-Kunsill Ewropew, Herman van Rompuy

It-tmexxija tagħna

- L-ewwel sena ta' implimentazzjoni ta' **strateġija ġdida għall-2013 sal-2017** li se tiggwida l-attivitajiet tal-QEA matul il-perjodu bl-objettiv li timmassimizza l-valur tal-kontribut tal-istituzzjoni għall-obbligu ta' rendikont pubbliku
- Aktar żvilupp tal-**politika tal-persunal**, it-tnaqqis ta' postijiet allokati u l-iskjerament mill-ġdid kontinwat ta' postijiet lejn funzjonijiet ċentrali tal-awditjar permezz ta' żieda fl-effiċjenza tal-amministrazzjoni jkomplu jsaħħu l-kapaċità tal-QEA li ssegwi l-missjoni tagħha
- Ftuħ uffiċjali tal-**bini K3** u konsolidazzjoni tal-persunal kollu fuq sit wieħed għall-promozzjoni ta' xogħol f'tim li huwa jerġa' aktar effiċjenti

Dehra tal-bini K3, parti mill-kwartieri ġenerali tal-QEA fil-Lussemburgu

L-attivitajiet tagħna

Rapporti tal-awditjar u opinjonijiet

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandha tliet prodotti prinċipali:

- **rapporti annwali**, li prinċipalment fihom ir-riżultati tax-xogħol tal-awditjar finanzjarju u tal-konformità fuq il-baġit tal-Unjoni Ewropea u fuq il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ). Barra minn hekk, rapporti annwali speċifiċi dwar l-aġenziji, il-korpi deċentralizzati u l-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE jiġu ppubblikati separatament;
- **rapporti speċjali**, ippubblikati matul is-sena kollha, li jippreżentaw ir-riżultati ta' awditi magħżula ta' oqsma baġitarji speċifiċi jew ta' suġġetti dwar il-ġestjoni. Prinċipalment dawn ikunu awditi tal-prestazzjoni u ġeneralment jieħdu fuq sena biex jiġu kkompletati; u
- **opinjonijiet** dwar abbozzi ta' leġiżlazzjoni b'impatt fuq il-ġestjoni finanzjarja, u **dikjarazzjonijiet u dokumenti tal-pożizzjoni** dwar kwistjonijiet oħra fuq l-inizjattiva tal-QEA stess.

Wara sena intensa ħafna fl-2012, il-QEA reġgħet ipproduċiet għadd kbir ta' rapporti annwali speċifiċi u rapporti speċjali fl-2013. Ir-rapporti annwali jipprovdu livell miżjud ta' informazzjoni analitika, u l-preżentazzjoni tar-riżultati ttejbet, biex b'hekk tippermetti tqabbil aktar faċli bejn oqsma u matul iż-żmien.

Għadd ta' rapporti u opinjonijiet	2008	2009	2010	2011	2012	2013
Rapporti annwali dwar il-baġit tal-UE u l-FEŻ	2	2	2	2	2	2
Rapporti annwali speċifiċi dwar l-aġenziji u l-korpi deċentralizzati tal-UE	29	37	40	42	50	50
Rapporti speċjali	12	18	14	16	25	19
Opinjonijiet u prodotti oħra	5	1	6	8	10	6
Total	**48**	**58**	**62**	**68**	**87**	**77**

It-test sħiħ tar-rapporti kollha tal-awditjar u tal-opinjonijiet kollha huwa disponibbli fuq il-websajt tal-QEA http://eca.europa.eu fi 23 lingwa tal-UE.

L-attivitajiet tagħna

Żjarat tal-awditjar 2013

Filwaqt li l-maġġoranza vasta tax-xogħol tal-awditjar isir fl-uffiċċji tal-QEA fil-Lussemburgu, l-awdituri jagħmlu żjarat ukoll lil awtoritajiet ta' Stati Membri u riċevituri oħra tal-fondi tal-UE (inklużi l-kwartieri ġenerali ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, bħan-NU fl-Isvizzera). L-iskop ta' dawn iż-żjarat huwa l-kisba ta' **evidenza diretta għall-awditjar**.

Iż-żjarat tal-awditjar normalment isiru lill-**awtoritajiet** ċentrali u lokali involuti fl-ipproċessar, fil-ġestjoni u fil-pagament ta' fondi tal-UE, u lill-**benefiċjarji finali** li jirċevuhom.

Żjarat tal-awditjar fi ħdan l-UE ta' sikwit isiru b'kollegament mal-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar tal-Istati Membri kkonċernati. It-timijiet tal-awditjar ġeneralment ikunu magħmula minn żewġ awdituri jew tlieta, u ż-żjarat jistgħu jvarjaw fit-tul minn ftit jiem sa gimagħtejn, skont it-tip ta' awditu u d-distanza tal-ivvjaġġar.

Il-frekwenza u l-intensità tax-xogħol tal-awditjar fi Stati Membri u f'pajjiżi benefiċjarji individwali jiddependu fuq it-tip ta' awditu u r-riżultati tal-kampjunar. Għaldaqstant, l-għadd u t-tul taż-żjarat tal-awditjar jistgħu jvarjaw minn pajjiż għal ieħor u minn sena għal oħra.

Fl-2013, l-awdituri tal-QEA qattgħu 6 619-il jum jawditjaw fuq il-post – 6 079 fi Stati Membri u 540 barra mill-UE – jiksbu evidenza għal kompiti tal-awditjar annwali, annwali speċifiċi, u magħżula. Tqatta' ammont kumparabbli ta' żmien fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE fi Brussell u fil-Lussemburgu.

Awdituri tal-UE jivvjaġġaw permezz ta' konvoj ta' muturi biex imorru minn proġett għal ieħor

L-awdituri tal-UE qattgħu
6 619-il jum
jawditjaw fuq il-post

L-attivitajiet tagħna

Ġranet tal-awditjar fuq il-post fl-2013



[1] Din iċ-ċifra ma tinkludix żjarat tal-awditjar lill-bosta istituzzjonijiet, aġenziji u korpi oħra tal-UE li għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fi Brussell u fil-Lussemburgu.

Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit 2012 tal-UE

Matul l-2013, il-QEA wettqet il-biċċa l-kbira tax-xogħol tal-awditjar finanzjarju u tal-konformità tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-baġit 2012 tal-UE. Ir-**Rapport Annwali 2012** li rriżulta ġie ppubblikat fil-5 ta' Novembru 2013.

L-**objettiv** tar-rapport annwali huwa li jipprovdi sejbiet u konklużjonijiet li jgħinu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u liċ-ċittadini biex jivvalutaw il-kwalità tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE, kif ukoll li jagħmel rakkomandazzjonijiet siewja għal titjib. Id-19-il dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni (jew 'DAS') annwali dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-UE u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati kienet ċentrali għar-Rapport Annwali 2012.

Għar-Rapport Annwali 2012, l-approċċ għall-kampjunar ta' tranżazzjonijiet kien **aġġornat** sabiex it-tranżazzjonijiet kollha jiġu eżaminati fuq l-istess bażi għall-oqsma kollha ta' nfiq – fil-punt fejn il-Kummissjoni tkun aċċettat u rreġistrat l-infiq. Dan huwa mistenni li jirriżulta f'popolazzjonijiet awditjati li jkunu **aktar stabbli minn sena għal oħra** bl-eliminazzjoni tal-effett ta' livelli varjabbli ta' pagamenti bil-quddiem. L-effett ta' din l-istandardizzazzjoni tal-approċċ tal-kampjunar tal-QEA kellu impatt ta' 0,3 punti perċentwali fuq ir-rata ta' żball stmata tagħha għall-baġit 2012 fl-intier tiegħu.

Awditur tal-UE jiċċekkja sistema ta' tisqija bil-qatra f'azjenda agrikola

Il-messaġġi ewlenin tar-Rapport Annwali 2012

- Il-**kontijiet konsolidati tal-UE jippreżentaw b'mod ġust**, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti fil-31 ta' Diċembru 2012.
- Ir-**rata ta' żball** stmata **għall-infiq mill-baġit tal-UE fl-intier tiegħu reġgħet żdiedet fl-2012, minn 3,9 % għal 4,8 %**. Ir-**rata ta' żball** stmata **ilha tiżdied kull sena mill-2009**, wara li kienet naqset fit-tliet snin preċedenti.
- *Żvilupp rurali, ambjent, sajd u saħħa* baqa' l-**qasam ta' nfiq l-aktar suxxettibbli għal żbalji** b'rata ta' żball stmata ta' 7,9 %, segwit minn *politika reġjonali, enerġija u trasport* b'rata ta' żball stmata ta' 6,8 %.
- Iż-**żidiet fir-rata ta' żball stmata kienu l-akbar għall-oqsma ta' nfiq** *impjiegi u affarijiet soċjali*, *agrikoltura: suq u appoġġ dirett* u *politika reġjonali, enerġija u trasport*.
- Għall-maġġoranza tat-tranżazzjonijiet milquta minn żball fl-oqsma ta' ġestjoni kondiviża (eż. *agrikoltura* u *koeżjoni*), l-**awtoritajiet tal-Istati Membri kellhom biżżejjed informazzjoni disponibbli** biex setgħu qabdu u kkoreġew l-iżbalji.
- Id-diskrepanza sostanzjali bejn approprjazzjonijiet għal impenn u għal pagament, flimkien ma' ammont kbir ta' nfiq insuffiċjenti fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali, ikkawżat akkumulazzjoni tal-ekwivalenti ta' sentejn u tliet xhur ta' impenji mhux użati (EUR 217-il biljun fi tmiem l-2012). Dan iwassal għal **pressjoni fuq il-baġit għall-pagamenti**. Biex tirriżolvi dik is-sitwazzjoni, huwa essenzjali li l-Kummissjoni tippjana r-rekwiżiti ta' pagament tagħha għat-terminu medju u dak twil.
- Għal ħafna oqsma tal-baġit tal-UE l-qafas leġiżlattiv huwa kumpless u hemm **fokus** insuffiċjenti **fuq il-prestazzjoni**. Il-proposti dwar l-agrikoltura u l-koeżjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 għadhom ibbażati b'mod fundamentali fuq l-input (orjentati lejn l-infiq) u għalhekk għadhom iffukati fuq il-konformità mar-regoli aktar milli fuq il-prestazzjoni.

Rata ta' żball stmata
ta' 4,8 %
fil-baġit tal-UE

Rapport Annwali dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għall-2012

Il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ) huma ffinanzjati mill-Istati Membri tal-UE, iżda mmaniġġjati barra l-qafas tal-baġit tal-UE u rregolati mir-regolamenti finanzjarji tagħhom stess. Il-Kummissjoni Ewropea hija responsabbli mill-implimentazzjoni finanzjarja ta' operazzjonijiet iffinanzjati b'riżorsi mill-FEŻ.

Il-FEŻ jipprovdu assistenza mill-Unjoni Ewropea għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp lill-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u lill-Pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej (PTEE), ibbażat fuq il-Ftehim ta' Cotonou tas-sena 2000. L-infiq huwa ċċentrat fuq l-objettiv tat-tnaqqis u eventwalment tal-qrid tal-faqar, u huwa konsistenti mal-objettivi ta' żvilupp sostenibbli u l-integrazzjoni gradwali tal-pajjiżi AKP u l-PTEE fl-ekonomija dinjija. Huwa bbażat fuq it-tliet pilastri komplementari tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, il-kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali u fuq dimensjoni politika.

Ir-Rapport Annwali 2012 tal-QEA dwar il-FEŻ ġie ppubblikat, flimkien ma' dak dwar il-baġit tal-UE fil-5 ta' Novembru 2013. Huwa kien fih id-19-il dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar il-FEŻ.

Il-QEA sabet li l-kontijiet għall-2012 jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tal-FEŻ u r-riżultati tal-operazzjonijiet u tal-flussi tal-flus tagħhom. Il-QEA stmat rata tal-iżball l-aktar probabbli ta' 3,0 % fuq it-tranżazzjonijiet tal-infiq tal-FEŻ għas-sena finanzjarja 2012, tnaqqis ta' 5,1 % għall-2011.

Rapporti annwali speċifiċi dwar l-aġenziji, il-korpi deċentralizzati u l-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE għall-2012

Fl-2013, il-QEA ppubblikat 50 rapport annwali speċifiku għas-sena finanzjarja 2012 dwar l-aġenżiji, il-korpi deċentralizzati (bħall-intrapriżi konġunti) u l-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE. Dawn huma disponibbli fuq il-websajt tal-QEA http://eca.europa.eu. Wara talba mill-Kunsill, il-QEA ħejjiet żewġ sommarji – wieħed dwar l-awditi annwali 2012 tal-Aġenziji u l-korpi l-oħra tal-UE, u l-ieħor dwar l-Impriżi Konġunti Ewropej għar-Riċerka. Dawn iż-żewġ dokumenti fil-qosor li jiffaċilitaw l-analiżi u t-tqabbil ġew ippreżentati lill-President tal-Parlament Ewropew, tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT) u tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali.

L-aġenziji u l-korpi deċentralizzati tal-UE huma maħluqa minn leġiżlazzjoni tal-UE biex iwettqu kompiti speċifiċi. Kull aġenzija għandha l-mandat, il-bord, id-direttur, il-persunal u l-baġit proprju tagħha. L-aġenziji jinsabu madwar l-UE kollha u huma attivi f'ħafna oqsma, bħalma huma s-sikurezza, is-sigurtà, is-saħħa, ir-riċerka, il-finanzi, il-migrazzjoni u l-ivvjaġġar. Filwaqt li r-riskju finanzjarju relatat mal-aġenziji u l-impriżi konġunti huwa relattivament baxx meta mqabbel mal-baġit totali tal-UE, ir-riskju għar-reputazzjoni tal-Unjoni huwa għoli: l-aġenziji huma viżibbli ħafna fl-Istati Membri u għandhom influwenza sinifikanti fuq it-tfassil ta' politiki u t-teħid ta' deċiżjonijiet u fuq l-implimentazzjoni ta' programmi f'oqsma ta' importanza vitali għaċ-ċittadini Ewropej.

50
rapport annwali speċifiku għall-2012

L-40 aġenzija u korpi oħra kollha rċevew opinjonijiet mhux kwalifikati dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet għall-2012 tagħhom. It-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawn il-kontijiet kienu legali u regolari fl-aspetti materjali kollha għall-aġenziji u l-korpi l-oħra kollha, minbarra għal tnejn minnhom. Il-QEA ħarġet opinjoni kwalifikata għall-EIT (Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija) u ċaħda ta' responsabbiltà għall-opinjoni tagħha għall-FRONTEX (Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni).

Is-seba' Impriżi Konġunti kollha pproduċew kontijiet affidabbli għall-2012, iżda tlieta rċievew opinjonijiet kwalifikati mill-QEA fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati: ENIAC (Nanoelettronika), ARTEMIS (Sistemi Informatiċi Inkorporati) u IMI (Inizjattiva dwar Mediċini Innovattivi).

Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, Kopenħagen id-Danimarka

Rapporti speċjali fl-2013

Barra mir-rapporti annwali u r-rapporti annwali speċifiċi tagħha, il-QEA tippubblika **rapporti speċjali** matul is-sena kollha li jkopru awditi tal-prestazzjoni u tal-konformità ta' oqsma baġitarji speċifiċi jew ta' suġġetti dwar il-ġestjoni li tagħżel hija stess. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex ikunu ta' impatt massimu, u biex b'hekk tagħmel l-aqwa użu mir-riżorsi tagħha. Awditi magħżula huma kompiti sostanzjali u kumplessi u ġeneralment jieħdu sostanzjalment aktar minn sena biex jiġu kkompletati (il-mira hija ta' 18-il xahar).

Meta tagħżel is-suġġetti, il-QEA tqis:

- ir-**riskji** għall-prestazzjoni jew għall-konformità għall-qasam partikolari ta' dħul jew infiq;
- il-**livell** ta' introjtu jew ta' nfiq involut;
- iż-**żmien** li jkun għadda minn kwalunkwe awditu preċedenti;
- l-**iżviluppi** li jkunu għadhom se jseħħu fl-oqfsa regolatorji; u
- l-**interess** politiku u pubbliku.

19-il
rapport speċjali adottati fl-2013

Il-passi prinċipali f'awditu tal-prestazzjoni jew tal-konformità magħżul

Studju Preliminari	Jiġu ddeterminati l-utilità u l-fattibilità tal-proposta tal-awditjar.
Ippjanar tal-awditu	Jiġu stabbiliti l-ambitu, l-objettivi, l-approċċ, il-metodoloġija u l-iskeda ta' żmien tal-awditu.
Xogħol fuq il-post	Timijiet multidixxiplinarji jiġbru l-evidenza fuq il-post fil-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni u fl-Istati Membri u dawk benefiċjarji.
Analiżi tas-sejbiet	Il-fatti jiġu kkonfermati mal-partijiet awditjati u tintuża l-evidenza biex jintlaħqu konklużjonijiet dwar l-objettivi tal-awditjar.
Abbozzar ta' rapporti	Preżentazzjoni ċara u strutturata tas-sejbiet u tal-konklużjonijiet prinċipali. Preparazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet.
Ikklerjar	Ikklerjar tar-rapport mal-parti awditjata.
Adozzjoni	Adozzjoni tar-rapport.
Pubblikazzjoni	Pubblikazzjoni tar-rapport speċjali fi 23 lingwa uffiċjali, bir-risposti tal-partiji awditjata.

Sommarji fil-qosor tad-19-il rapport speċjali adottati mill-QEA fl-2013 huma ppreżentati fil-paġni li ġejjin taħt l-intestatura relatata tal-qafas finanzjarju – il-baġit pluriennali tal-UE.

Ir-rapporti speċjali kollha huma ppubblikati sħaħ fuq il-websajt tal-QEA *http://eca.europa.eu* u permezz tal-EU bookshop fi 22 lingwa tal-UE (23 fil-każ ta' rapporti adottati wara l-adeżjoni tal-Kroazja).

Tkabbir sostenibbli

It-tkabbir sostenibbli huma mmirat lejn it-tkabbir u l-impjiegi, u jkopri żewġ oqsma.

Il-**kompetittività** tinkludi l-finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, il-kollegament tal-Ewropa permezz ta' netwerks tal-UE, l-edukazzjoni u t-taħriġ, il-promozzjoni tal-kompetittività f'suq uniku integrat bis-sħiħ, l-aġenda tal-politika soċjali, u d-dekummissjonar nukleari. In-nefqa tal-UE allokata għall-kompetittività għat-tkabbir u l-impjieg għall-2007-2013 ammontat għal EUR 89,4 biljun, jew 9,2 % tal-baġit tal-UE, bi kważi żewġ terzi ddedikati għar-riċerka u l-iżvilupp.

Il-**koeżjoni għat-tkabbir u għall-impjiegi** prinċipalment tikkonċerna l-politika ta' Koeżjoni, li hija implimentata permezz ta' fondi li jkopru oqsma definiti ta' attività, inklużi l-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK). Il-fondi jintnefqu taħt ġestjoni kondiviża mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri tal-UE. In-nefqa tal-UE għall-Koeżjoni ppjanata għall-2007-2013 kienet ta' EUR 348,4 biljun, jew 35,7 % tal-baġit totali tal-UE.

Matul l-2013, il-QEA adottat ir-rapporti speċjali li ġejjin f'dan il-qasam.

- **Implimentazzjoni tas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka** (2/2013) – ivvaluta jekk il-Kummissjoni żguratx l-implimentazzjoni effiċjenti tal-FP7. L-awditu kopra r-regoli għall-parteċipazzjoni, il-proċessi tal-Kummissjoni u l-istabbiliment ta' żewġ strumenti ġodda, u r-riżultati tiegħu x'aktarx li se jkunu utli mhux biss għall-perjodu tal-FP7 li jifdal, iżda wkoll għas-sistema operazzjonali tal-Programm Qafas għar-riċerka li jmiss – Orizzont 2020. Il-QEA kkonkludiet li l-Kummissjoni introduċiet għadd ta' simplifikazzjonijiet għar-regoli tal-FP7 għall-parteċipazzjoni, u li rnexxielha tallinja d-dispożizzjonijiet tal-FP7 mal-prattiki tal-benefiċjarji f'xi każijiet, iżda għad jonqos aktar xi jsir fil-futur. Il-ġestjoni min-naħa tal-Kummissjoni tal-FP7 hija b'saħħitha fi tliet oqsma – it-tfassil tal-proċessi, l-attivitajiet ta' titjib u l-informazzjoni dwar il-ġestjoni – iżda inqas b'saħħitha fl-għodod u r-riżorsi.

Iż-żminijiet tal-ipproċessar biex jingħataw l-għotjiet qsaru, iżda ma niżlux għal disa' xhur qabel l-2012. L-awditu enfasizza l-prattiki tajbin u kif iż-żmien li jittieħed sa ma tingħata għotja jista' jitnaqqas aktar. Il-kontrolli tal-kwalità fuq l-għażla u fuq is-segwitu tal-proġetti jiffunzjonaw tajjeb. Madankollu, il-mudell ta' kontroll finanzjarju tal-FP7 ma jikkunsidrax biżżejjed ir-riskju ta' żbalji. Dan ifisser li r-riċerkaturi tal-FP7 b'riskju baxx huma suġġetti għal wisq kontrolli.

L-FP7 huwa wieħed mill-istrumenti ewlenin tal-UE għall-finanzjament tar-riċerka. Huwa għandu l-għan li jsaħħaħ il-kompetittività industrijali u li jissodisfa l-ħtiġijiet ta' riċerka ta' politiki oħra tal-UE. Huwa jkopri l-perjodu 2007-2013 u għandu baġit totali ta' aktar minn EUR 50 biljun. Il-maġġoranza vasta tal-baġit tintnefaq mill-Kummissjoni jew mill-aġenziji eżekuttivi tagħha fil-forma ta' għotjiet.

- **Il-programmi Marco Polo kienu effettivi fiċ-ċaqliq tat-traffiku lil hinn mit-toroq?** (3/2013) – ivvaluta jekk il-Kummissjoni kinitx ippjanat il-programmi, u jekk kinitx qegħda timmaniġġjahom u tissorveljahom, b'tali mod li timmassimizza l-effettività tagħhom, u jekk il-proġetti ffinanzjati kinux effettivi. Ix-xogħol tal-awditjar iffoka prinċipalment fuq il-livell tal-programmi billi analizza l-valutazzjonijiet tal-impatt, l-evalwazzjonijiet u r-riżultati tal-istħarriġ, billi eżamina l-evalwazzjonijiet ta' proposti għal proġetti, wettaq analiżijiet fl-uffiċċju tal-monitoraġġ ta' ftehimiet ta' għotjiet iffirmati u billi stħarreġ lill-membri tal-kumitat tal-Programm Marco Polo (MP) dwar skemi nazzjonali ta' appoġġ. L-awditu sab li ma tressqux biżżejjed proposti għal proġetti rilevanti minħabba li s-sitwazzjoni tas-suq u r-regoli tal-programm skoraġġixxew l-operaturi milli jieħdu vantaġġ mill-iskema. Nofs il-proġetti awditjati kienu ta' sostenibbiltà limitata. Waħda mis-sejbiet prinċipali tal-awditu kienet li kien hemm indikazzjonijiet serji ta' "deadweight" – proġetti li kienu jitwettqu anke mingħajr finanzjament mill-UE.

Mill-2003 'l hawn, il-programmi Marco Polo I u II iffinanzjaw proġetti għal servizzi tat-trasport imfassla biex iċaqalqu t-trasport ta' merkanzija mit-triq għall-ferroviji, għall-passaġġi tal-ilma interni u għat-tbaħħir fil-qosor. Il-programmi għamlu parti mill-objettiv tal-politika tat-trasport tal-UE biex jiġu żviluppati alternattivi għat-trasport ta' merkanzija bit-triq biss. Dan l-objettiv aċċettat b'mod ġenerali jimmira li jitnaqqas it-traffiku tat-trasport internazzjonali ta' merkanzija bit-triq, u b'hekk titjieb il-prestazzjoni ambjentali tat-trasport ta' merkanzija, titnaqqas il-konġestjoni fit-toroq u tiżdied is-sigurtà fit-toroq.

Marco Polo jinkoraġġixxi l-użu ta' tbaħħir fil-qosor

- **Il-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE jintnefqu sew fuq it-toroq?** (5/2013) – ivvaluta jekk proġetti tal-infrastruttura tat-toroq taħt il-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE laħqux l-objettivi tagħhom bi spiża raġonevoli. L-awditu ħares lejn 24 proġett kofinanzjat tat-toroq fil-Ġermanja, fil-Greċja, fil-Polonja u fi Spanja, li l-valur totali tagħhom qabeż EUR 3 biljun. Dawn l-erba' Stati Membri kellhom l-ogħla allokazzjonijiet ta' finanzjament taħt il-Politika ta' Koeżjoni għat-toroq fil-perjodu 2000-2013, li jirrappreżentaw bejn wieħed u ieħor 62 % tal-kofinanzjament kollu għat-toroq mill-UE. L-awditu kopra awtostradi (10 proġetti), toroq għal traffiku veloċi (10 proġetti) u toroq prinċipali ordinarji b'żewġ lejns (4 proġetti). L-awditu sab li l-proġetti kollha awditjati żiedu l-kapaċità u l-kwalità għan-netwerks tat-toroq u rriżultaw fi ffrankar fil-ħin tal-ivvjaġġar u f'titjib fis-siġurtà tat-toroq. Madankollu, l-objettivi għall-iżvilupp ekonomiku ma setgħux jitkejlu u ma hemm ebda informazzjoni disponibbli dwar l-impatt tal-proġetti fuq l-ekonomija lokali jew nazzjonali. Il-vijabbiltà ekonomika reali – ikkalkulata bl-użu ta' proporzjon tal-kost/benefiċċju bbażat fuq l-ispiża u l-użu reali – kienet sinifikattivament aktar baxxa għal nofs il-proġetti meta mqabbla mas-suppożizzjonijiet li kienu saru (b'sinifikattivament anqas spejjeż u/jew aktar traffiku) fil-fażi ta' ppjanar. L-awdituri sabu li, minħabba fi previżjonijiet tat-traffiku li huma ottimisti żżejjed, l-ispiża medja għal kull km tal-proġetti għat-toroq li ġew awditjati, b'relazzjoni mal-volum annwali ta' traffiku, kienet erba' darbiet ogħla fi Spanja milli fil-Ġermanja, bil-Polonja u l-Greċja bejn dawn iż-żewġ estremitajiet. Ħafna drabi, it-tip ta' triq magħżula ma kinitx l-aktar waħda adattata għat-traffiku li kienet iġġorr; awtostradi kienu preferuti f'każijiet fejn toroq għat-traffiku veloċi, li huma 43 % orħos, setgħu solvew il-problemi tat-traffiku. Il-QEA rrakkomandat li l-Istati Membri jiżguraw il-kompetizzjoni internazzjonali fuq proġetti ta' kostruzzjoni u jiffukaw is-sistemi tal-akkwist tagħhom fuq it-twassil tal-orħos offerti.

L-UE allokat madwar EUR 65 biljun mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u mill-Fond ta' Koeżjoni għall-kofinanzjament tal-kostruzzjoni u r-rinnovament ta' toroq mill-2000 sal-2013.

- **Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wassal għal valur miżjud tal-UE bir-riintegrazzjoni ta' ħaddiema li jkunu tilfu l-impjieg tagħhom?** (7/2013) – ivvaluta jekk il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) ikkontribwixxiex b'mod effettiv biex il-ħaddiema li tilfu l-impjieg tagħhom jkunu jistgħu jidħlu mill-ġdid fis-suq tax-xogħol mill-aktar fis possibbli. L-awdituri sabu li l-ħaddiema l-aktar eliġibbli ġew offruti assistenza personalizzata u kkoordinata tajjeb, iżda li l-każijiet kollha awditjati kienu jinkludu miżuri ta' appoġġ għall-introjtu li kienu jitħallsu xorta waħda mill-Istati Membri. L-appoġġ għall-introjtu kien jirrappreżenta 33 % tal-ispejjeż rimborżati fil-każijiet kollha eżaminati. Barra minn dan, ma kienet teżisti ebda *data* adegwata biex jitkejjel kemm il-fondi kienu effettivi biex jgħinu lil ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja jerġgħu jsibu impjieg.

  Il-FEG kien imfassal biex jindirizza sitwazzjonijiet ta' emerġenza fuq perjodu qasir u sitwazzjonijiet ad-hoc. *L-appoġġ jinkludi taħriġ, għajnuna għal impjieg indipendenti, formazzjoni u rikollokament. Il-Fond jikkofinanzja miżuri b'rata ta' 50 % jew 65 %, fejn il-bilanċ jiġi pprovdut mill-Istat Membru kkonċernat. Bejn Marzu 2007 u Diċembru 2012, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ħallas aktar minn EUR 600 miljun lil ħaddiema li kienu tilfu l-impjiegi tagħhom f'telf ta' impjieg fuq bażi massiva kkawżat minn tibdil fil-mudelli tal-kummerċ dinji.*

Il-FEG jappoġġa lil ħaddiema li tilfu l-impjiegi tagħhom

- **Valutazzjoni ta' awditu uniku (single audit) u d-dipendenza tal-Kummissjoni fuq ix-xogħol tal-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar fil-Koeżjoni** (16/2013) – ivvaluta l-punt sa fejn il-Kummissjoni tista' toqgħod, fil-qasam tal-politika reġjonali, fuq ix-xogħol tal-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar għall-aċċertament proprju tagħha, u vvalutat l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni tal-mudell ta' awditu uniku sa tmiem l-2012. B'mod partikolari, il-QEA eżaminat jekk il-Kummissjoni kinitx għamlet użu xieraq mill-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar u jekk żguratx approċċ konsistenti tal-awditjar permezz tal-gwida u tal-appoġġ tagħha lill-awtoritajiet tal-awditjar. L-awdituri tal-UE analizzaw ukoll l-ispejjeż tal-arranġamenti msaħħa tal-awditjar introdotti fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.

  'Awditu uniku' jimmira li jipprevjeni d-duplikazzjoni tax-xogħol ta' kontroll u li jnaqqas l-ispiża kumplessiva ta' attivitajiet ta' kontroll u ta' awditjar fil-livell tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni. Huwa jimmira wkoll li jnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-partijiet awditjati. Il-QEA tistma li madwar EUR 860 miljun intnefqu fuq l-awditjar tal-poltika reġjonali tal-UE mill-Istati Membri matul il-perjodu 2007 sa 2013. Dan jikkorrispondi għal 0,2 % tat-total tal-baġit għall-politika reġjonali.

Preżervazzjoni u ġestjoni ta' riżorsi naturali

L-UE għandha responsabbilità estensiva għall-politika għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, is-sajd u l-ambjent. L-infiq ippjanat għall-2007-2013 kien ta' EUR 413,1 biljun, li jirrappreżenta 42,3 % tal-baġit totali tal-UE.

Tliet kwarti tal-infiq jinvolvi pagamenti diretti lil bdiewa u appoġġ għal swieq agrikoli permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) – l-"ewwel pilastru" tal-Politika Agrikola Komuni (PAK). Porzjon ieħor ta' wieħed minn ħamsa tal-infiq imorru għall-appoġġ mill-UE għall-Iżvilupp Rurali (ŻR), li huwa ffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), it-"tieni pilastru" tal-PAK. L-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jinsabu taħt ġestjoni kondiviża mill-Kummissjoni u l-Istati Membri.

Matul l-2013, il-QEA adottat ir-rapporti speċjali li ġejjin f'dan il-qasam.

- **L-appoġġ tal-UE lill-industrija tal-ipproċessar tal-ikel kien effettiv u effiċjenti fiż-żieda tal-valur lill-prodotti agrikoli?** (1/2013) – ivvaluta jekk il-miżura ġietx imfassla u implimentata b'mod li ppreveda l-finanzjament effiċjenti ta' proġetti li jindirizzaw ħtiġijiet identifikati b'mod ċar u jekk il-miżura kinitx immonitorjata u evalwata b'mod li ppermetta li r-riżultati tagħha jkunu dimostrati. Il-QEA sabet li l-proġetti fil-biċċa l-kbira tejbu l-prestazzjoni finanzjarja tal-kumpaniji kkonċernati u li għadd ta' proġetti awditjati jistgħu jirriżultaw f'xi valur miżjud. Dan, madankollu, ma setax jiġi attribwit għat-tfassil tal-miżura jew għall-proċeduri tal-għażla użati mill-Istati Membri. Kien hemm nuqqas ta' evidenza biex jiġi dimostrat li l-kumpaniji megħjuna kienu jeħtieġu sussidju, jew liema objettivi speċifiċi tal-politika s-sussidji kienu mistennija li jilħqu. Il-QEA kkonkludiet li l-appoġġ ma kienx ġie dirett b'mod sistematiku lejn proġetti li żiedu l-valur lill-prodotti agrikoli b'mod effettiv u effiċjenti.

  Taħt il-Politika Agrikola Komuni, għotjiet mill-UE taħt il-politika ta' żvilupp rurali jsiru disponibbli lil intrapriżi li jipproċessaw u jikkummerċjalizzaw prodotti agrikoli permezz ta' miżura msejħa '"Żieda fil-valur tal-prodotti agrikoli u tal-forestrija" li għandha l-għan li ttejjeb il-kompetittività tal-agrikoltura u l-forestrija. Il-baġit tal-UE kien alloka EUR 5,6 biljun f'għajnuna għall-2007-2013. Dan il-finanzjament ġie kkomplementat b'infiq nazzjonali, li wassal għal total tal-finanzjament pubbliku ta' EUR 9,0 biljun.

- **L-Istati Membri u l-Kummissjoni kisbu l-aħjar kwalità meta mqabbla mal-prezz bil-miżuri għad-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali?** (6/2013) – ivvaluta jekk il-miżuri ġewx imfassla u implimentati b'tali mod li jikkontribwixxu b'mod effettiv għat-tkabbir u l-impjiegi u jekk intgħażlux il-proġetti l-aktar effettivi u effiċjenti għall-finanzjament. Il-QEA vvalutat ukoll jekk l-informazzjoni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni disponibbli pprovdietx informazzjoni affidabbli, kompleta u f'waqtha dwar l-eżiti tal-miżuri. L-awditu sab li kumplessivament il-Kummissjoni u l-Istati Membri kisbu biss kwalità limitata meta mqabbla mal-prezz permezz tal-miżuri għad-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali, billi l-għajnuna ma ġietx diretta b'mod sistematiku lejn il-proġetti li kellhom l-aktar probabbiltà li jilħqu l-iskop tal-miżuri.

  L-infiq tal-UE fil-qasam tal-iżvilupp rurali għad-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali huwa intenzjonat li jindirizza problemi identifikati f'żoni rurali bħad-depopolazzjoni, l-iskarsezza ta' opportunitajiet ekonomiċi u l-qgħad. Huwa jipprovdi finanzjament lil nies u lil negozji rurali għal proġetti biex jgħin fl-appoġġ ta' tkabbir, impjieg u żvilupp sostenibbli. L-infiq tal-UE ppjanat għal dawn il-miżuri kien ta' EUR 5 biljun għall-perjodu 2007-2013.

- **Appoġġ għat-titjib tal-valur ekonomiku tal-foresti mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali** (8/2013) – ivvaluta jekk l-appoġġ taħt l-iżvilupp rurali għat-titjib tal-valur ekonomiku tal-foresti huwiex immaniġġjat b'mod effiċjenti u effettiv. L-awditu kopra kemm il-Kummissjoni kif ukoll Stati Membri magħżula – Spanja (il-Galizja), l-Italja (it-Toskana), l-Ungerija, l-Awstrija u s-Slovenja – li jirrappreżentaw aktar minn 50 % tan-nefqa totali ddikjarata. L-awditu sab dgħufijiet fit-tfassil tal-miżura li fixklu b'mod sinifikanti l-implimentazzjoni b'suċċess tagħha: fil-livell tal-Kummissjoni, is-sitwazzjoni fis-settur tal-forestrija fl-UE ma kinitx analizzata speċifikament sabiex tiġġustifika l-proposta ta' appoġġ finanzjarju speċifiku għat-titjib tal-valur ekonomiku tal-foresti li jappartjenu għal sidien privati jew għal muniċipalitajiet. Barra minn hekk, karatteristiċi ewlenin tal-miżura ma ġewx definiti fid-dispożizzjonijiet legali, partikolarment it-tifsira ta' "valur ekonomiku tal-foresti" u "azjenda tal-forestrija". L-Istati Membri stabbilixxew daqsijiet differenti ħafna ta' azjendi forestali li 'l fuq minnhom kien jinħtieġ pjan ta' ġestjoni tal-foresti.

Il-QEA sabet li kienu ftit biss mill-proġetti awditjati li tejbu l-valur ekonomiku tal-foresti b'mod sinifikanti, jew billi tejbu l-valur tal-art (bini ta' trejqiet u toroq forestali) jew il-valur tal-formazzjonijiet tal-injam (operazzjonijiet ta' silvikultura bħaż-żbir jew l-irmondar).

L-ammont totali allokat għal din il-miżura kien ta' EUR 535 miljun fil-perjodu 2007-2013.

Il-foresti u l-boskijiet jammontaw għal 40 % tal-erja totali tal-art tal-UE

- **Politika Agrikola Komuni: L-appoġġ speċifiku pprovdut taħt l-Artikolu 68 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 huwa mfassal u implimentat tajjeb?** (10/2013) – ivvaluta jekk l-introduzzjoni tal-appoġġ previst fl-Artikolu 68 u l-mod ta' kif dan ġie implimentat fl-2010 u fl-2011 (arranġamenti ta' ġestjoni u kontroll) kinux konsistenti mal-Politika Agrikola Komuni (PAK), u humiex meħtieġa, rilevanti u appoġġati minn sistema ta' kontroll sodisfaċenti. L-awditu sab li l-qafas stabbilit biex jiġi żgurat li dan l-appoġġ ikun ipprovdut biss *f'każijiet definiti b'mod ċar* kien insuffiċjenti. Il-Kummissjoni ftit li xejn kellha kontroll fuq il-ġustifikazzjoni għal tali każijiet u l-Istati Membri kellhom grad għoli ta' diskrezzjoni fil-ħlas ta' dawn il-pagamenti. Fil-biċċa l-kbira, il-Kummissjoni ma setgħet tieħu ebda azzjoni legalment vinkolanti, u l-uniku obbligu tal-Istati Membri kien li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjonijiet li kienu ħadu. B'riżultat ta' dan, l-implimentazzjoni tal-Artikolu 68 ma kinitx dejjem allinjata bis-sħiħ mal-PAK u ma kienx hemm evidenza suffiċjenti li l-miżuri introdotti kienu dejjem meħtieġa jew rilevanti f'termini ta' ħtiġijiet, effettività u livelli ta' għajnuna disponibbli. L-awditu żvela wkoll li l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' appoġġ taħt l-Artikolu 68 kienet milquta minn diversi nuqqasijiet, bħal dgħufijiet fis-sistemi amministrattivi u ta' kontroll li kienu ġew stabbiliti biex jiġi żgurat li l-miżuri eżistenti ġew implimentati b'mod korrett. Dan kien daqstant minnu għas-sistemi ta' ġestjoni, għall-kontrolli amministrattivi u għall-kontrolli fuq il-post, xi drabi minkejja l-piżijiet ta' ġestjoni u dawk ta' kontroll li kienu diġà tqal.

  Mal-introduzzjoni tal-Iskema ta' Pagament Uniku fl-2003, l-Istati Membri tħallew jallokaw sa 10 % tal-limiti massimi nazzjonali tagħhom taħt il-Politika Agrikola Komuni PAK għal appoġġ speċifiku u, notevolment, biex ikomplu japplikaw ċerti miżuri ta' appoġġ marbuta mal-produzzjoni għall-bdiewa. Dan l-appoġġ speċifiku ġie estiż bl-Artikolu 68 tar-Regolament Nru 73/2009, li żied l-għadd ta' objettivi jew attivitajiet li għalihom setgħet tingħata għajnuna. Il-baġit totali għall-perjodu 2010-2013 kien ta' EUR 6,4 biljun.

- **Jistgħu l-Kummissjoni u l-Istati Membri juru li l-baġit tal-UE allokat għall-politika ta' żvilupp rurali jintnefaq tajjeb?** (12/2013) – ivvaluta jekk hemmx dikjarazzjonijiet ċari dwar x'inhi intenzjonata tikseb in-nefqa għall-iżvilupp rurali, u jekk hemmx informazzjoni affidabbli li turi x'kisbet in-nefqa u kemm dan għamlitu b'mod effiċjenti. Element ewlieni għal dan huwa sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, li tissejjaħ ukoll il-Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni. L-awditu kkonkluda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri ma wrewx b'mod suffiċjenti xi nkiseb fir-rigward tal-objettivi tal-politika ta' żvilupp rurali, u li hemm nuqqas ta' aċċertament li l-baġit tal-UE għall-iżvilupp rurali ntnefaq tajjeb.

  L-UE allokat kważi EUR 100 biljun biex jintlaħqu l-objettivi ta' żvilupp rurali fil-perjodu finanzjarju 2007-2013. L-Istati Membri impenjaw ukoll EUR 58 biljun tar-riżorsi nazzjonali biex jikkofinanzjaw il-programmi ta' żvilupp rurali (PŻR) tagħhom. L-Istati Membri jiżviluppaw il-PŻR. Ladarba jkunu approvati mill-Kummissjoni, dawn il-programmi jiġu implimentati mill-Istati Membri.

- **Il-komponent Ambjent tal-programm LIFE kien effettiv?** (15/2013) – ivvaluta jekk it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-komponent Ambjent ikkontribwixxewx għall-effettività tal-programm. Fl-awditjar ta' proġetti ffinanzjati bejn l-2005 u l-2010, l-Awdituri tal-UE żaru d-dipartimenti rilevanti tal-Kummissjoni u ħames Stati Membri minn fost l-akbar benefiċjarji tal-LIFE (il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja u r-Renju Unit), li jirrappreżentaw 55 % tal-baġit tal-LIFE u 15 % tal-proġetti tiegħu. Il-QEA sabet li, kumplessivament, il-komponent LIFE Ambjent ma kienx qed jopera b'mod effettiv minħabba li ma kienx imfassal u implimentat tajjeb biżżejjed.

  Il-programm LIFE attwali għandu baġit annwali medju ta' EUR 239 miljun – inqas minn 1,5 % tal-istima tan-nefqa kumplessiva mill-UE għall-ambjent – għall-finanzjament ta' proġetti. Dan huwa baġit modest għal objettiv ambizzjuż: il-kontribuzzjoni għall-iżvilupp, l-aġġornament u l-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ambjent. Kważi 50 % ta' dan il-baġit, jew EUR 120 miljun, huwa ddedikat għall-komponent LIFE Ambjent. In-nofs li jifdal jiffinanzja ż-żewġ komponenti l-oħra – LIFE Natura u LIFE Informazzjoni.

- **L-affidabbiltà tar-riżultati tal-kontrolli mill-Istati Membri tal-infiq agrikolu** (18/2013) – ivvaluta l-affidabbiltà tar-rapporti ta' statistika tal-Istati Membri li fihom ir-riżultati tal-kontrolli amministrattivi u fuq il-post tagħhom. L-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri jwettqu kontrolli amministrattivi fuq applikazzjonijiet għall-għajnuna sabiex jivverifikaw l-eliġibbiltà tagħhom. Huma jwettqu wkoll kontrolli fuq il-post ta' kampjun ta' applikanti. Żbalji maqbuda jwasslu għal tnaqqis fl-ammont ta' għajnuna pagabbli lill-applikant. L-Istati Membri jirrappurtaw b'mod annwali r-riżultati ta' dawn il-kontrolli lill-Kummissjoni, u fuq din il-bażi l-Kummissjoni tikkalkula rata tal-iżball residwu li tistma l-irregolaritajiet preżenti fil-pagamenti wara li jkunu twettqu l-kontrolli kollha. Il-validità statistika tar-rata tal-iżball residwu ġiet inkluża fl-ambitu tal-awditu. Dan l-awditu u awditi preċedenti mill-QEA, kif ukoll l-awditi tal-Kummissjoni, juru li s-sistemi fis-seħħ għall-kontrolli amministrattivi u fuq il-post huma biss parzjalment effettivi, u b'hekk idgħajfu serjament l-affidabbiltà tal-informazzjoni li l-Istati Membri jagħtu lill-Kummissjoni.

  Il-Kummissjoni taqsam ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-PAK mal-Istati Membri. Għaldaqstant, l-infiq agrikolu huwa amministrat u mħallas minn aġenziji tal-pagamenti nazzjonali jew reġjonali li jirrappurtaw lill-Kummissjoni. Korpi indipendenti taċ-ċertifikazzjoni maħtura mill-Istati Membri jiċċertifikaw lill-Kummissjoni l-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-pagamenti u l-kwalità tas-sistemi ta' kontroll li l-aġenziji jkunu stabbilixxew.

L-UE bħala attur globali

L-attivitajiet tal-UE fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni jiffukaw fuq it-tkabbir, it-tisħiħ tal-istabbiltà, is-sigurtà u l-prosperità fil-viċinat tagħha; ħidma attiva biex tappoġġa l-iżvilupp sostenibbli fil-livell internazzjonali, u miżuri biex jippromwovu governanza politika globali u jiżguraw siġurtà strateġika u ċivili.

L-UE allokat EUR 55,9 biljun għall-infiq fuq dawn l-objettivi għall-perjodu 2007-2013, li jirrappreżentaw 5,7 % tal-baġit totali. Il-biċċa l-kbira tal-infiq huwa mmaniġġjat direttament mill-Kummissjoni, jew mill-kwartieri ġenerali tagħha jew inkella permezz tad-delegazzjonijiet tagħha. Xi għajnuna hija mmaniġġjata wkoll b'mod konġunt ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.

Matul l-2013, il-QEA adottat ir-rapporti speċjali li ġejjin f'dan il-qasam.

- **Kooperazzjoni tal-UE mal-Eġittu fil-Qasam tal-Governanza** (4/2013) – ivvaluta jekk il-Kummissjoni Ewropea u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) mmaniġġjawx b'mod effettiv l-appoġġ mill-UE għat-titjib tal-governanza fl-Eġittu qabel u wara r-rewwixta tal-2011. Kumplessivament, is-SEAE u l-Kummissjoni ma rnexxilhomx jimmaniġġjaw b'mod effettiv l-appoġġ mill-UE għat-titjib tal-governanza fl-Eġittu. Qabel ir-rewwixta, għalkemm il-Kummissjoni inkludiet għadd kbir ta' kwistjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem u ta' demokrazija fil-Pjan ta' Azzjoni UE-Eġittu dwar il-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), hija ma rnexxilha tikseb ebda progress. Minkejja l-finanzjament konsiderevoli pprovdut permezz tal-appoġġ baġitarju, dan l-istrument ma kienx effettiv fil-promozzjoni tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi. Nuqqas ta' trasparenza baġitarja, uffiċċju tal-awditjar ineffettiv u korruzzjoni endemika huma dgħufijiet maġġuri fl-Eġittu li għadhom iridu jiġu ttrattati. Wara r-rewwixta, r-reviżjoni tal-PEV naqset milli tenfasizza b'mod b'saħħtu d-drittijiet tan-nisa u ta' minoritajiet.

Għall-perjodu 2007-2013, madwar EUR 1 biljun f'għajnuna ġew allokati mill-UE lill-Eġittu. Billi aktar minn nofs dan l-ammont twassal permezz tat-teżor tal-Eġittu, bl-użu tal-mekkaniżmu ta' għajnuna magħruf bħala appoġġ baġitarju, kien hemm dipendenza konsiderevoli fuq il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi tal-pajjiż.

- **Appoġġ Finanzjarju Dirett mill-Unjoni Ewropea lill-Awtorità Palestinjana** (14/2013) ara "Fokus fuq awditu tal-prestazzjoni");

Tfal bniet fi skola fl-Eġittu

Fokus fuq awditu tal-prestazzjoni

Appoġġ Finanzjarju Dirett mill-Unjoni Ewropea lill-Awtorità Palestinjana

Sptar f'Gaża fejn it-tobba kienu benefiċjarji diretti tad-DFS mill-PEGASE

L-attenzjoni tad-dinja ilha ffukata fuq il-proċess ta' paċi Palestinjan-Iżraeljan għal ħafna snin. L-Unjoni Ewropea mhijiex eċċezzjoni. Bħala wieħed mill-atturi globali fir-reġjun, l-UE tipprovdi assistenza sinifikanti lit-territorji Palestinjani okkupati. Mill-1994 'l hawn, hija nefqet aktar minn EUR 5,6 biljun biex tappoġġa l-objettiv kumplessiv tagħha li tgħin biex tinstab soluzzjoni ta' żewġ stati sabiex jintemm il-kunflitt Iżraeljan-Palestinjan. Mill-2008 'l hawn, l-akbar programm tagħha fit-territorji Palestinjani okkupati kien l-Appoġġ Finanzjarju Dirett (DFS) mill-PEGASE, li pprovda madwar EUR 1 biljun f'finanzjament mill-2008 sal-2012. Il-programm ifittex li jgħin lill-Awtorità Palestinjana (AP) tissodisfa l-obbligi tagħha lejn l-impjegati taċ-Ċivil, il-pensjonanti u familji vulnerabbli, iżżomm is-servizzi pubbliċi essenzjali u ttejjeb il-finanzi pubbliċi.

Il-QEA wettqet awditu tal-prestazzjoni ta' dan l-appoġġ. L-awdituri wettqu xogħolhom bejn l-1 ta' Lulju u l-31 ta' Diċembru 2012 u ġabru evidenza permezz ta' analiżi dokumentarja, intervisti u, l-aktar importanti, billi marru f'Ġerusalem tal-Lvant, ix-Xatt tal-Punent (Ramallah, Nablus, Ġeriko u Tulkarem) u Gaża biex iwettqu intervisti fl-Uffiċċju tar-Rappreżentant tal-UE, ma' istituzzjonijiet benefiċjarji u rappreżentanti individwali tal-AP, ma' donaturi internazzjonli, ma' ditti tal-awditjar u ma' negozji lokali. L-awdituri ltaqgħu wkoll ma' għalliema, tobba u familji vulnerabbli individwali li kienu benefiċjarji diretti tad-DFS mill-PEGASE. L-ambjent speċifiku qiegħed lill-awdituri f'sitwazzjonijiet diffikultużi fejn esperjenzaw dewmien, kienu jeħtieġu approvazzjoni speċifika ta' siġurtà u ġew trasportati f'vetturi blindati akkumpanjati minn persunal tas-sigurtà armati.

L-objettiv tal-awditu kien li jiġi vvalutat kemm id-DFS mill-PEGASE lill-AP kien ġie mmaniġġjat tajjeb mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u mill-Kummissjoni. L-awditu ffoka fuq l-arranġamenti ta' tfassil u implimentazzjoni, ir-riżultati miksuba, u s-sostenibbiltà tagħhom.

L-awdituri laħqu l-konklużjoni li l-Kummissjoni u s-SEAE rnexxielhom jimplimentaw l-appoġġ finanzjarju dirett lill-PA taħt ċirkustanzi diffiċli, iżda li għadd ta' aspetti tal-approċċ attwali kienu jeħtieġu aktar u aktar bidla totali kbira, b'mod partikolari minħabba li kien hemm dubji dwar is-sostenibbiltà. Il-QEA tqis li l-AP għandha titħeġġeġ biex twettaq aktar riformi, notevolment fir-rigward tas-servizz taċ-Ċivil tagħha. Fl-istess ħin, jeħtieġ li jinstab mezz kif l-Iżrael jiġi involut aktar u li dan jieħu l-passi meħtieġa biex jgħin jiżgura l-effettività tad-DFS mill-PEGASE.

Filwaqt li l-programm għamel kontribuzzjoni sinifikanti biex ikopri l-kont tas-salarji tal-AP, l-għadd dejjem jiżdied ta' benefiċjarji u l-finanzjament dejjem jonqos minn donaturi oħra permezz tad-DFS mill-PEGASE, wasslu għal dewmien serju fil-pagament ta' salarji fl-2012, li pprovoka ferment fost il-popolazzjoni Palestinjana.

Id-DFS mill-PEGASE kkontribwixxa għal servizzi pubbliċi essenzjali, iżda għadd konsiderevoli ta' impjegati taċ-Ċivil f'Gaża, minħabba fis-sitwazzjoni politika, kienu qed jitħallsu mingħajr ma realment imorru għax-xogħol jew jipprovdu kwalunkwe tip ta' servizz pubbliku. Il-Kummissjoni u s-SEAE ma indirizzawx din il-problema b'mod suffiċjenti.

Minkejja d-daqs tal-finanzjament tad-DFS mill-PEGASE, l-AP ffaċċjat defiċit qawwi fil-baġit fl-2012 li hedded ukoll li jnaqqar mir-riformi fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi. Fl-aħħar mill-aħħar, it-theddida għas-sostenibbiltà finanzjarja tal-AP tista' tiġi ttraċċata, fil-biċċa l-kbira, għall-bosta ostakli li tqajmu mill-Gvern tal-Iżrael għall-iżvilupp ekonomiku tat-territorji Palestinjani okkupati, li għaldaqstant idgħajfu wkoll l-effettività tad-DFS mill-PEGASE.

Fuq il-bażi ta' dawn is-sejbiet, il-QEA għamlet sensiela ta' rakkomandazzjonijiet lis-SEAE u lill-Kummissjoni. Dawn kienu jinkludu t-tisħiħ tal-programmazzjoni tad-DFS mill-PEGASE fil-futur, it-tnaqqis ta' spejjeż amministrattivi bl-użu ta' sejħiet għall-offerti kompetittivi għal kuntratti relatati mal-ġestjoni u mal-kontroll tad-DFS mill-PEGASE, is-simplifikazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tad-DFS mill-PEGASE, l-applikazzjoni ta' kundizzjonalità għad-DFS mill-PEGASE fil-futur (speċifikament billi jorbtuh ma' progress konkret mill-AP fir-riforma tas-servizz pubbliku u fir-riforma tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi), u l-waqfien tal-finanzjament tas-salarji u tal-pensjonijiet mid-DFS mill-PEGASE għal impjegati taċ-Ċivil f'Gaża u d-direzzjoni mill-ġdid tiegħu lejn ix-Xatt tal-Punent.

Fl-aħħar nett, il-QEA rrakkomandat li s-SEAE u l-Kummissjoni, flimkien mal-komunità usa' ta' donaturi, għandhom jaħdmu aktar mal-Iżrael, fi ħdan il-qafas ta' kooperazzjoni usa' bejn l-UE u l-Iżrael, sabiex jiddeterminaw x'passi l-Iżrael jeħtieġ li jieħu biex jiżgura li d-DFS mill-PEGASE jkun aktar effettiv.

Il-pubblikazzjoni ta' dan ir-rapport iġġenerat livell ogħli ta' interess politiku u mill-midja. Il-kopertura mill-midja kienet tinkludi l-aħbarijiet prinċipali f'gazzetti internazzjonali maġġuri, kopertura televiżiva u diskussjoni fl-Ewropa, fil-Lvant Nofsani, fl-Asja, fil-kontinent Amerikan, fl-Oċeanja u fil-blogosfera.

Ir-rapport ġie ppreżentat lill-Parlament Ewropew, li approva bis-sħiħ il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-QEA. Il-Parlament ħeġġeġ lis-SEAE u lill-Kummissjoni biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex itejbu t-twassil tal-appoġġ lill-AP.

Tim tal-awdijtar (mix-xellug għal-lemin) Francis Joret, Fabrice Mercade, Membru tal-QEA Hans Gustaf Wessberg, Jana Hošková u Svetoslav Hristov

- **Appoġġ tal-UE għall-governanza fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo** (9/2013) – ivvaluta jekk l-appoġġ tal-UE għall-governanza kienx rilevanti għall-ħtiġijiet u huwiex qed jikseb ir-riżultati ppjanati tiegħu, u jekk il-Kummissjoni ħaditx biżżejjed kont tal-kuntest fraġli tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) fit-tfassil tal-programmi tal-UE. L-awditu kopra l-appoġġ tal-UE għall-proċess elettorali, ir-riforma tas-settur tas-sigurtà (ġustizzja u pulizija), ir-riforma tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u d-deċentralizzazzjoni matul il-perjodu 2003 sa 2011. L-awditu kkonkluda li l-effettività tal-assistenza tal-UE għall-governanza fl-RDK hija limitata. L-appoġġ huwa stabbilit fi strateġija ta' kooperazzjoni ġeneralment tajba, jindirizza l-ħtiġijiet prinċipali tal-governanza tal-pajjiż u kiseb xi riżultati. Madankollu, il-progress miexi bil-mod, u huwa irregolari u, kumplessivament, limitat. Inqas minn nofs il-programmi wasslu, jew x'aktarx li jwasslu, il-biċċa l-kbira tar-riżultati mistennija. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, is-sostenibbiltà hija prospett mhux realistiku.

  Il-governanza tajba hija valur Ewropew fundamentali u komponent ewlieni tal-kooperazzjoni tal-UE għall-iżvilupp, ma' pajjiżi terzi. Wara li reġgħet bdiet il-kooperazzjoni strutturali mal-RDK, l-UE pprovdiet madwar EUR 1,9 biljun f'assistenza bejn l-2003 u l-2011, u b'hekk saret waħda mis-sħab għall-iżvilupp l-aktar importanti tal-pajjiż.

- **Assistenza għall-Iżvilupp mill-UE lill-Asja Ċentrali** (13/2013) – ivvaluta kif il-Kummissjoni u s-SEAE kienu ppjanaw u mmaniġġjaw l-assistenza għall-iżvilupp lir-repubbliki tal-Asja Ċentrali (il-Kazakistan, il-Kirgiżistan, it-Taġikistan, it-Turkmenistan u l-Uzbekistan) fil-perjodu 2007-2012. L-awditu sab li l-Kummissjoni u s-SEAE kienu għamlu sforzi serji, f'ċirkustanzi diffikultużi, biex jippjanaw u jdaħħlu f'effett il-programm ta' assistenza għall-iżvilupp mill-UE lill-Asja Ċentrali stipulat fid-Dokument ta' Strateġija Reġjonali ta' April 2007. L-ippjanar u l-allokazzjoni ta' assistenza kienu ġeneralment sodisfaċenti, l-implimentazzjoni inqas minn hekk.

  Bejn l-1991 u l-2013 l-UE allokat aktar minn EUR 2,1 biljun f'assistenza għall-iżvilupp u dik umanitarja lil dawn il-pajjiżi, li minnhom EUR 750 miljun kienu għall-perjodu 2007-2013. Mill-2007 sa 2012, il-Kummissjoni ħallset EUR 435 miljun f'assistenza għall-iżvilupp lill-Asja Ċentrali, li l-benefiċjarji prinċipali tagħhom kienu l-Kirgiżistan u t-Taġikistan.

- **Finanzjament għall-klima mill-UE fil-kuntest ta' għajnuna esterna** (17/2013) – ivvaluta kemm il-Kummissjoni mmaniġġjat tajjeb l-infiq relatat mal-klima mill-baġit tal-UE u mill-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ). L-awditu sab li l-Kummissjoni ffukat il-programmi ta' għajnuna tagħha fuq prijoritajiet xierqa, iżda jinħtieġu aktar sforzi sinifikanti biex jiġi żgurat li l-programmi tal-UE u tal-Istati Membri jkunu komplementari u biex tiġi pprevenuta u miġġielda l-korruzzjoni.

  Fl-2009, il-pajjiżi żviluppati qablu dwar "Finanzjament Rapidu" ta' USD 30 biljun għall-2010-2012 u dwar impenn fuq terminu twil ta' USD 100 biljun kull sena sal-2020. L-Istati Membri tal-UE u l-Kummissjoni ma qablux dwar kif għandu jiġi ssodisfat l-impenn tagħhom fuq terminu twil u l-punt sa fejn l-UE ssodisfat il-wiegħda tagħha ta' finanzjament rapidu mhuwiex ċar. Ma hemm l-ebda qbil madwar l-UE kollha dwar id-definizzjoni ta' finanzjament għall-klima u għadha ma ġietx stabbilita sistema effettiva ta' monitoraġġ, ta' rappurtar u ta' verifikazzjoni.

Dħul / riżorsi proprji tal-UE

Il-biċċa l-kbira tad-dħul tal-UE huwa kkalkulat abbażi ta' statistika makroekonomika u estimi li jipprovdu l-Istati Membri. L-awditu mill-QEA tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi relatati ma' kontribuzzjonijiet ibbażati fuq l-ING u l-VAT ikopri l-ipproċessar mill-Kummissjoni tad-*data* li jipprovdu l-Istati Membri u mhux il-ġenerazzjoni inizjali ta' dik id-*data*.

Matul l-2013, il-QEA adottat ir-rapport li ġej f'dan il-qasam.

- **Kisba ta' *data* korretta dwar l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING): approċċ aktar strutturat u ffukat aħjar itejjeb l-effettività tal-verifikazzjoni mill-Kummissjoni** (11/2013) – ivvaluta jekk il-verifikazzjoni mill-Kummissjoni ta' *data* tal-ING użata għal skopijiet tar-riżorsi proprji kinitx strutturata u ffukata tajjeb. Il-QEA kkonkludiet li l-verifikazzjoni mill-Kummissjoni ta' *data* tal-ING ma kinitx strutturata u ffukata biżżejjed. Il-Kummissjoni ma ppjanatx u ma pprijoritizzatx ix-xogħol tagħha b'mod xieraq, ma applikatx approċċ konsistenti meta kienet qed twettaq il-verifikazzjonijiet tagħha fl-Istati Membri, u ma wettqitx xogħol suffiċjenti fil-livell tal-Istati Membri. Barra minn hekk, il-verifikazzjonijiet ma kinux irrappurtati b'mod adegwat. Ir-rakkomandazzjonijiet fir-rapport kieku jgħinu biex jiġi żgurat li l-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri għall-bażi tal-UE jiġu kkalkulati b'mod korrett u jkunu bbażati b'mod ġust. Dan kieku jtejjeb ukoll l-effettività tax-xogħol tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni aċċettat il-ħtieġa għal azzjoni.

Il-bażi tal-UE huwa ffinanzjat mir-riżorsi proprji u minn dħul ieħor. Hemm tliet kategoriji ta' riżorsi proprji: riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali miġbura fuq importazzjonijiet u t-taxxa fuq il-produzzjoni taz-zokkor), riżorsi proprji kkalkulati abbażi tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud miġbura mill-Istati Membri, u riżorsi proprji derivati mill-ING tal-Istati Membri. L-aħħar waħda minn dawn żdiedet minn madwar 50 % tal-bażi fl-2002 (EUR 46 biljun) għal 70 % fl-2012 (EUR 98 biljun).

Segwitu għal rakkomandazzjonijiet preċedenti

Mod ewlieni kif il-QEA tikkontribwixxi għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE huwa permezz tar-rakkomandazzjonijiet tagħha. Matul l-2013, il-QEA adottat it-tieni rapport speċjali tagħha li huwa segwitu għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu f'rapporti speċjali preċedenti.

- **Rapport 2012 dwar is-segwitu tar-rapporti speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri** (19/2013) – ivvaluta jekk il-Kummissjoni kinitx segwiet b'mod adegwat ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar magħmula mill-QEA fir-rapporti speċjali tagħha matul il-perjodu 2006-2010. L-awditu kien jikkonsisti f'kampjun ta' 62 rakkomandazzjoni minn 10 rapporti speċjali. Il-QEA vvalutat l-azzjoni meħuda mill-Kummissjoni b'rispons għal dawk ir-rakkomandazzjonijiet. L-awditu wera li r-rakkomandazzjonijiet kienu ġew adottati – il-Kummissjoni kienet implimentat bis-sħiħ, jew implimentat fil-biċċa l-kbira tal-aspetti, 83 % tar-rakkomandazzjonijiet eżaminati, filwaqt li 12 % kienu ġew implimentati f'xi aspetti u 5 % ma kinux ġew implimentati.

L-istandards internazzjonali tal-awditjar iqisu s-segwitu tar-rapporti tal-awditjar bħala l-istadju finali fiċ-ċiklu ta' ppjanar, eżekuzzjoni u segwitu tal-awditi tal-prestazzjoni. Aktar informazzjoni dwar is-segwitu mogħti lir-rakkomandazzjonijiet tal-QEA hija ppreżentata fil-paġna 41.

Awdituri tal-UE fi triqthom biex jawditjaw benefiċjarju fuq il-post

Opinjonijiet u prodotti oħra fl-2013

Il-QEA tikkontribwixxi għat-titjitb tal-**ġestjoni finanzjarja tal-UE** permezz tal-opinjonijiet tagħha dwar proposti għal leġiżlazzjoni ġdida jew riveduta b'impatt finanzjarju. Dawn l-opinjonijiet jintalbu mill-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE, u jintużaw mill-awtoritajiet leġiżlattivi – il-Parlament Ewropew u l-Kunsill – f'xogħolhom. Il-QEA tista' toħroġ ukoll dokumenti dwar il-pożizzjoni tagħha fuq kwistjonijiet oħra fuq inizjattiva tagħha stess. Fl-2013 inħarġu żewġ ittri mill-President. Waħda rrispondiet għal talba mill-Kunsill għal sommarju tas-sejbiet tar-rapporti annwali speċifiċi tal-QEA dwar l-aġenziji, il-korpi l-oħra u l-impriżi konġunti tal-UE (ara l-paġna 12). L-oħra indirizzat il-proposti tal-Kunsill għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu superviżorju uniku tal-istituzzjonijiet ta' kreditu.

Fl-2013, il-QEA adottat erba' opinjonijiet li jkopru għadd ta' oqsma sinifikanti:

- l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (1/2013) (ara l-kaxxa);
- proposta emendata għal Regolament li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (2/2013);
- ir-regolament finanzjarju tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (3/2013); u
- emenda għar-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit tal-UE fir-rigward tar-riport ta' approprjazzjonijiet għal ċerti kategoriji ta' nfiq (4/2013).

L-opinjonijiet huma ppubblikati b'mod sħiħ fuq il-websajt tal-QEA http://eca.europa.eu fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

4 Opinjonijiet adottati fl-2013

Opinjoni Nru 1/2013 dwar il-proposta għal regolament dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej

Fl-2012, total ta' 13-il partit politiku u 12-il fondazzjoni politika fil-livell Ewropew irċevew finanzjament mill-baġit ġenerali tal-UE. Il-partiti politiċi ilhom jingħataw finanzjament mill-2004, u l-finanzjament tal-fondazzjonijiet politiċi beda fl-2007. Il-fondi huma amministrati mill-Parlament Ewropew.

Il-proposta għal regolament dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej tagħti lil dawn il-korpi personalità ġuridika Ewropea. Fil-futur, ir-reġistrazzjoni bi status ta' dan it-tip mill-Parlament Ewropew se tkun prekondizzjoni biex jirċievu fondi mill-baġit tal-UE.

Il-proposti tal-Kummissjoni indirizzaw għadd ta' nuqqasijiet fid-dispożizzjonijiet li dak iż-żmien kienu fis-seħħ. Madankollu, kien jeħtieġ li xi kwistjonijiet ulterjuri jiġu indirizzati sabiex titħeġġeġ kultura politika Ewropea ta' indipendenza, ta' obbligu ta' rendikont u ta' responsabbiltà, biex jissaħħaħ l-iskrutinju u jiġi evitat l-abbuż potenzjali tar-regoli ta' finanzjament.

Fost l-osservazzjonijiet tagħha, il-QEA nnutat li r-regolament kien jeħtieġ li jiddefinixxi b'mod ċar x'kienu se jitqiesu bħala *donazzjonijiet, kontribuzzjonijiet* jew *self* lil partit politiku Ewropew. Hija rrakkomandat ukoll li s-sanzjonijiet għall-ksur tar-regoli jkunu anqas diskrezzjonali u li r-regolament jipprevedi multiplu tal-ammonti ta' flus irregolari involuti, mingħajr limitu massimu.

Filwaqt li l-abbozz ta' regolament ikun jirrikjedi li l-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi jippreżentaw dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali skont il-liġi applikabbli fl-Istat Membru fejn huma jkollhom is-sede tagħhom, il-QEA sabet li sabiex tissaħħaħ il-komparabbiltà u t-trasparenza, jkun preferibbli li jkun hemm preżentazzjoni tal-kontijiet li tkun standardizzata u bbażata fuq id-dovuti kif ukoll obbligi ta' rappurtar dettaljati, bl-użu ta' mudell obbligatorju, li jkunu japplikaw għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi kollha indipendentement mil-liġi applikabbli fl-Istat Membru fejn huma jkollhom is-sede tagħhom.

Il-QEA nnutat ukoll li r-regolament għandu jiġi kkjarifikat biex jiddikjara b'mod ċar li l-awditur estern tal-UE għandu l-ġurisdizzjoni biex jawditja dawn il-fondi.

Relazzjonijiet ma' partijiet interessati

Il-valur tal-kontribut tal-QEA għall-obbligu ta' rendikont tal-UE jiddependi, fil-biċċa l-kbira, fuq l-użu li s-sħab prinċipali tagħha jagħmlu mix-xogħol u mill-prodotti tagħha fil-proċess ta' obbligu ta' rendikont. Dawk is-sħab huma l-awtoritajiet politiċi li huma responsabbli għas-sorveljanza pubblika tal-użu tal-fondi tal-UE (jiġifieri l-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u l-parlamenti nazzjonali). L-istrateġija tal-QEA għall-2013-2017 timpenjaha li ssaħħaħ l-arranġamenti tagħha għall-monitoraġġ tal-iżvilupp estern u tal-ġestjoni tar-relazzjonijiet mas-sħab tagħha.

Il-President u l-Membri tal-QEA jżommu kuntatti regolari mal-kumitati tal-Parlament Ewropew, b'mod partikolari fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT). Fl-2013, il-President Caldeira pparteċipa f'ħames laqgħat tal-CONT, kif ukoll f'għadd ta' laqgħat plenarji tal-Parlament Ewropew. Dan kien jinkludi l-preżentazzjoni tal-programm annwali u r-rapporti annwali tal-QEA, kif ukoll l-opinjonijiet u l-prodotti l-oħra tagħha.

Fl-2013, Membri oħra tal-QEA dehru 68 darba quddiem il-Kumitat CONT fi 15-il laqgħa dwar is-suġġett tar-rapporti annwali u r-rapporti speċjali tal-QEA li jittrattaw mistoqsijiet speċifiċi dwar l-implimentazzjoni tal-baġit u/jew ta' politika. Id-diskussjonijiet li rriżultaw wasslu għat-tħejjija ta' rapporti minn membri individwali tal-CONT dwar ir-rapporti speċjali tal-QEA, inkluż abbozz ta' rapport dwar rapporti speċjali tal-QEA fil-kuntest tal-kwittanza lill-Kummissjoni għall-2012. F'għadd ta' okkażjonijiet, il-Membri kellhom l-opportunità li jippreżentaw rapporti speċjali lil kumitati oħra tal-PE, inklużi dawk dwar l-agrikoltura u l-iżvilupp. Barra minn hekk, fl-2013 tkompliet it-tradizzjoni ta' laqgħa konġunta bejn il-membri tal-CONT u l-QEA.

Fl-2013, il-CONT beda jiddiskuti rapport dwar ir-rwol futur tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Il-QEA tilqa' l-fehma espressa fir-rapport li kwalunkwe riforma tal-Qorti għandha titqies fil-kuntest usa' tal-isfida għat-titjib tal-obbligu ta' rendikont tal-UE. Il-QEA tistenna b'interess li tindirizza kwistjonijiet fejn hija għandha s-setgħa li taġixxi. Dawn huma prinċipalment relatati max-xogħol tagħha, ir-relazzjonijiet tagħha mal-partijiet interessati u l-użu minnha ta' riżorsi. F'ħafna każijiet, il-QEA diġà għandha għadd ta' inizjattivi rilevanti għaddejjin bħala parti mill-proċess għall-implimentazzjoni tal-istrateġija tagħha għall-2013-2017.

Il-QEA tikkoopera wkoll mal-Kunsill fil-bosta konfigurazzjonijiet u attivitajiet differenti tiegħu. Fl-2013 il-President Caldeira ppreżenta r-rapporti annwali lill-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, u Membri tal-QEA jintalbu b'mod regolari biex jippreżentaw rapporti speċjali lil kumitati tal-Kunsill.

L-iżgurar ta' relazzjonijiet effettivi mal-parlamenti nazzjonali hija prijorità għall-QEA. Il-Membri tal-QEA ħafna drabi jippreżentaw ir-rapport annwali tagħha lil udjenzi nazzjonali. Kumitati dwar l-affarijiet Ewropej u l-kontroll finanzjarju tal-parlamenti nazzjonali jinżammu informati regolarment dwar l-attivitajiet tal-QEA. Delegazzjonijiet minn għadd ta' parlamenti nazzjonali żaru lill-QEA matul is-sena, inkluż is-Sur Yannakis L. Omirou, il-President tal-Kamra tad-Deputati tar-Repubblika ta' Ċipru.

Laqgħa annwali tal-QEA u tal-Kumitat CONT, il-Lussemburgu, Ottubru 2013

Kooperazzjoni ma' Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar oħra

Il-QEA tikkoopera ma' istituzzjonijiet supremi tal-awditjar oħra (SAIs) prinċipalment permezz:

- tal-Kumitat ta' Kuntatt tas-**SAIs tal-Istati Membri tal-UE**;
- tan-Netwerk tas-**SAIs ta' pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali** tal-UE; u
- ta' **organizzazzjonijiet internazzjonali** ta' istituzzjonijiet tal-awditjar pubbliku, notevolment l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (INTOSAI) u l-grupp reġjonali Ewropew tagħha (EUROSAI).

Kumitat ta' Kuntatt tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-Istati Membi tal-UE

It-Trattat tal-UE jeħtieġ li l-QEA u l-korpi tal-awditjar nazzjonali tal-Istati Membri jikkooperaw fi spirtu ta' fiduċja, filwaqt li jżommu l-indipendenza tagħhom. Il-QEA tikkoopera b'mod attiv ma' SAIs tal-Istati Membri tal-UE permezz tal-qafas tal-Kumitat ta' Kuntatt, li jinkludi laqgħa annwali u diversi gruppi ta' ħidma, netwerks u task forces stabbiliti biex jindirizzaw kwistjonijiet speċifiċi ta' interess komuni.

F'Mejju 2013, il-QEA ospitat laqgħa straordinarja tal-Kumitat ta' Kuntatt, ippreseduta mis-SAI tal-Litwanja, bl-għan li jiġu segwiti mill-qrib żviluppi konnessi mal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) u mal-governanza ekonomika tal-UE. F'din il-laqgħa l-Kumitat ta' Kuntatt adotta dikjarazzjoni dwar l-*Importanza ta' arranġamenti xierqa tal-awditjar u tal-obbligu ta' rendikont fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja u fil-governanza ekonomika tal-UE*.

Il-laqgħa annwali ordinarja tal-2013, li saret f'Vilnjus (il-Litwanja) f'Ottubru 2013, iffukat fuq żewġ temi prinċipali: seminar dwar ir-rwol tas-SAIs fit-titjib tal-obbligu ta' rendikont fl-UE fi ħdan il-qafas finanzjarju l-ġdid għall-2014-2020 u r-regolament finanzjarju l-ġdid, u l-iżviluppi l-aktar reċenti fir-rigward tal-Governanza Ekonomika l-ġdida.

Il-Kumitat ta' Kuntatt tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-Unjoni Ewropea, il-Litwanja, Ottubru 2013

Netwerk tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar ta' pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali tal-UE

Il-QEA tikkoopera mas-SAIs ta' pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali tal-UE, prinċipalment permezz ta' Netwerk[2] simili għall-Kumitat ta' Kuntatt.

F'Novembru 2013, il-QEA kkopresediet il-laqgħa tan-Netwerk tal-Presidenti li saret fil-Montenegro. L-objettiv tal-laqgħa kien li jiġu identifikati suġġetti ta' prijorità għall-prospett tal-pjan ta' ħidma l-ġdid tan-Netwerk, ibbażat fuq ir-riżultati tal-attivitajiet preċedenti tiegħu. Il-laqgħa kienet preċeduta minn konferenza dwar ir-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar u l-parlamenti, li l-QEA kkontribwixxiet għaliha b'mod attiv.

Budva, il-Montenegro

[2] Minn Jannar 2014, in-Netwerk jinkludi ħames pajjiżi kandidati (dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, l-Islanda, il-Montenegro, is-Serbja u t-Turkija) u żewġ pajjiżi kandidati potenzjali (l-Albanija u l-Bosnja-Ħerzegovina). F'Novemrbu 2013 il-Kosovo* ngħata permess li jipparteċipa fin-Netwerk bħala osservatur.

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Kosovo.

Kooperazzjoni oħra

Fl-2013, il-QEA kompliet bl-involviment attiv u l-kontribut tagħha fl-attivitajiet tal-INTOSAI u tal-EUROSAI.

Minn meta saret membru sħiħ tal-INTOSAI fl-2004, il-QEA kellha rwol sħiħ u attiv fl-attivitajiet tal-INTOSAI u pparteċipat f'bosta kumitati u gruppi ta' ħidma tagħha.

Fl-2013, il-QEA kompliet bl-involviment tagħha fl-Għan 1 tal-INTOSAI (Standards Professjonali) bħala membru:

- tas-Sottokumitati tal-Awditi Finanzjarji, tal-Konformità u tal-Prestazzjoni; u
- tal-Proġett dwar il-Kontroll tal-Kwalità tal-Awditjar u l-Proġett ta' Armonizzazzjoni.

Fir-rigward tal-Għan 2 tal-INTOSAI (Bini ta' Kapaċità), il-QEA:

- ipprovdiet input u kompetenzi lis-sottokumitat dwar il-promozzjoni tal-aħjar prattiki u tal-garanzija tal-kwalità permezz ta' evalwazzjoni volontarja bejn il-pari; u
- segwiet ix-xogħol tas-sottokumitat dwar il-promozzjoni ta' żieda fl-attivitajiet ta' bini ta' kapaċità fost il-membri tal-INTOSAI.

Fir-rigward tal-Għan 3 tal-INTOSAI (Kondiviżjoni tal-Għarfien), mill-2008 'l quddiem il-QEA ppresediet il-**Grupp ta' Ħidma dwar l-Obbligu ta' Rendikont u l-Awditu ta' Għajnuna mogħtija f'każijiet ta' Diżastri**. F'Ottubru 2013, il-Kungress tal-INTOSAI (INCOSAI) **approva** l-output prinċipali tal-Grupp ta' Ħidma fil-forma tal-ħames Standards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (ISSAIs) inklużi fis-**serje l-ġdida 5500-5599 tal-Gwida għall-Awditjar ta' Għajnuna mogħtija f'każijiet ta' Diżastri**, kif ukoll il-gwida għall-governanza tajba (INTOSAI GOV) dwar Qafas Integrat ta' Obbligu ta' Rendikont Finanzjarju għal għajnuna mogħtija f'każijiet ta' diżastri u għajnuna umanitarja. Il-Grupp ta' Ħidma ngħalaq mal-approvazzjoni ta' dawn id-dokumenti importanti.

Il-QEA pparteċipat ukoll:

- bħala membru tal-Kumitat ta' Tmexxija fil-Grupp ta' Ħidma tal-INTOSAI dwar l-Awditjar Ambjentali; u
- fil-Grupp ta' Ħidma tal-INTOSAI dwar il-Modernizzazzjoni Finanzjarja u r-Riforma Regolatorja (dak li qabel kien it-Task Force dwar il-Kriżi Finanzjarja Dinjija).

F'Ottubru 2013, il-QEA pparteċipat fil-XXI Kungress tal-INTOSAI (INCOSAI) f'Pekin, iċ-Ċina, fejn ġiet rappreżentata mill-President Vítor Caldeira, Gijs de Vries (Membru tal-QEA u president tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Obbligu ta' Rendikont għal Għajnuna mogħtija f'każijiet ta' Diżastri) u Henrik Otbo, Membru tal-QEA.

Il-QEA kompliet l-involviment tagħha fil-proġett IntoSAINT, strument ta' awtovalutazzjoni mmexxi mis-SAI tal-Pajjiżi l-Baxxi taħt il-patroċinju tal-INTOSAI. Fl-2013, twettqet awtovalutazzjoni tal-integrità fil-QEA taħt il-moderazzjoni ta' faċilitaturi mis-SAIs tan-Norveġja u l-Pajjiżi l-Baxxi.

Fl-2013, il-QEA pparteċipat fl-XL laqgħa tal-Bord Governattiv tal-EUROSAI, wara l-ħatra tagħha bħala membru tal-Bord Governattiv fl-2011, u kompliet bl-involviment attiv tagħha fil-gruppi ta' ħidma u fit-task forces tal-EUROSAI. Il-QEA:

- attendiet il-ħdax-il laqgħa annwali tal-Grupp ta' Ħidma tal-EUROSAI dwar l-Awditu Ambjentali;
- attendiet it-tieni laqgħa tat-Task Force tal-EUROSAI dwar l-Awditjar u l-Etika u organizzat u ospitat is-Seminar tal-EUROSAI dwar l-Etika tal-Awditjar; u
- attendiet l-ewwel Kungress Young EUROSAI (YES).

Fil-qafas tal-konferenzi konġunti bejn il-gruppi ta' ħidma reġjonali tal-INTOSAI, il-QEA pparteċipat b'mod attiv fir-IV Konferenza Konġunta EUROSAI-ARABOSAI, li ffukat fuq l-isfidi moderni għall-bini ta' kapaċità tas-SAIs. Il-QEA kkontribwixxiet b'dokument għall-pajjiżi dwar it-tema I – Responsabbiltajiet tal-Awtoritajiet Pubbliċi Supremi li jirriżultaw mill-isfidi tar-Riżoluzzjoni A/66/209 tat-22 ta' Diċembru 2011 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU.

Il-XXI Kungress tal-INTOSAI (INCOSAI), iċ-Ċina, Ottubru 2013

Linji gwida internazzjonali ġodda dwar il-provvediment u l-awditjar ta' għajnuna umanitarja wara diżastri

Biż-żieda fil-frekwenza ta' diżastri madwar id-dinja u bit-tkabbir tal-impatt uman u ekonomiku tagħhom, il-fluss ta' għajnuna umanitarja żdied ferm fi snin reċenti. Minkejja dan, għal xi żmien ma kien hemm ebda gwida speċifika dwar l-awditjar ta' għajnuna mogħtija f'każijiet ta' diżastri. L-INTOSAI rrispondiet billi ħolqot il-Grupp ta' Ħidma dwar dwar l-Obbligu ta' Rendikont u l-Awditu ta' Għajnuna mogħtija f'każijiet ta' Diżastri. Dan kien ippresedut mill-QEA, li ppubblikat linji gwida ġodda għal donaturi, riċevituri u awdituri ta' għajnuna mogħtija f'każijiet ta' diżastri.

Il-linji gwida l-ġodda, imsejħa INTOSAI GOV 9250 u s-serje 5500 tal-ISSAIs, għandhom l-għan li **jtejbu t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont** ta' għajnuna mogħtija f'każijiet ta' diżastri u għajnuna umanitarja oħra.

Il-**linji gwida** INTOSAI GOV 9250 **jgħinu lil fornituri** (donaturi u organizzazzjonijiet multilaterali involuti fit-twassil ta' fondi) u riċevituri ta' għajnuna umanitarja biex jidentifikaw, jikkjarifikaw u **jissimplifikaw il-fluss ta' għajnuna** bejniethom. Kull fornitur u riċevitur ("parti interessata") ta' għajnuna umanitarja għandu jipproduċi tabella bl-użu ta' *data* li tkun disponibbli faċilment u li turi l-oriġini tal-fondi u lil min u għal liema skop ikunu qed jitħallsu.

Is-serje 5500 tal-ISSAIs jiddefinixxu **regoli u prattika tajba** fl-awditjar tat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastru u ta' għajnuna ta' wara d-diżastru, **biex jassistu lis-SAIs** fl-għajnuna li jagħtu biex jillimitaw l-impatt ta' diżastri u **biex itejbu l-effettività**, l-ekonomija u l-effiċjenza tal-għajnuna.

Qabel il-pubblikazzjoni tagħhom, il-linji gwida l-ġodda ġew analizzati minn madwar 30 organizzazzjoni (SAIs, in-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, gvernijiet u NGOs) u ntlaqgħu b'approvazzjoni u entużjażmu ġenerali.

Avvenimenti sinifikanti

Inawgurazzjoni tal-bini l-ġdid tal-QEA

Fit-8 ta' Mejju 2013 il-bini l-ġdid tal-QEA, K3, ġie inawgurat mill-Prim Ministru Juncker tal-Lussemburgu, il-Ministru tal-Istat Perry li rrappreżenta l-Presidenza Irlandiża tal-Kunsill, u l-President Caldeira tal-QEA. Il-viżitaturi kienu jinkludu l-periti tal-bini u dawk involuti fil-kostruzzjoni tiegħu, rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Belt tal-Lussemburgu, Membri preċedenti tal-QEA, u Presidenti tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-Istati Membri. L-inawgurazzjoni mmarkat il-kisba tal-ikkompletar tal-proġett K3 fil-ħin u bil-baġit disponibbli, u l-fatt li l-bini l-ġdid għaqqad il-persunal kollu kemm hu f'post wieħed għall-ewwel darba f'ħafna snin.

Fl-istess okkażjoni, il-QEA ospitat laqgħa straordinarja tal-Kapijiet tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-Istati Membri tal-UE fid-dawl tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2013. Ġiet enfasizzata l-importanza li jiġu żgurati arranġamenti adegwati tal-awditjar u tal-obbligu ta' rendikont għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u għall-unjoni bankarja. Għal aktar informazzjoni ara l-paġna 31.

Jean-Claude Juncker jitkellem fl-inawgurazzjoni tal-bini l-ġdid tal-QEA, il-Lussemburgu, Mejju 2013

Herman Van Rompuy jitkellem fil-konferenza tal-QEA dwar il-governanza u l-obbligu ta' rendikont, il-Lussemburgu, Settembru 2013

Konferenza dwar il-governanza u l-obbligu ta' rendikont fl-okkażjoni tal-35 anniversarju

Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-35 anniversarju tagħha, il-QEA ospitat konferenza dwar il-governanza u l-obbligu ta' rendikont Ewropej fil-kwartieri ġenerali tagħha fil-Lussemburgu fit-12 ta' Settembru 2013.

Il-konferenza laqqgħet flimkien akkademiċi u rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-UE sabiex jiddibattu kwistjonijiet relatati mal-governanza Ewropea, filwaqt li ttieħed kont tal-pilastri tal-obbligu ta' rendikont finanzjarju u politiku. Fid-diskors prinċipali, il-**President tal-Kunsill Ewropew Herman van Rompuy** innota li fi żminijiet diffiċli ċ-ċittadini jkollhom aspettattivi leġittimi li t-taxxi li huma jikkontribwixxu mill-frott ta' ħidmithom ikunu qed jintnefqu b'mod effiċjenti. Fid-diskors tiegħu, il-President tal-QEA Vítor Caldeira rrikonoxxa l-isfidi li jiffaċċjaw obbligu ta' rendikont pubbliku aktar effettiv għar-riżultati miksuba mill-infiq tal-UE.

Il-konferenza ġiet konkluża b'**dibattitu madwar mejda minn esperti** fil-qasam: Patrick Dunleavy, Professur tax-Xjenza Politika u President tal-Ordni Pubbliku fil-London School of Economics and Political Science; Michael Theurer, President tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew; Pablo Zalba Bidegain, Viċi President tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament Ewropew; Mark Bovens, Professur tal-Amministrazzjoni Pubblika fl-Iskola tal-Governanza tal-Università ta' Utrecht; u Gijs de Vries, Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Iċ-ċerimonja għall-għoti tal-Premju tal-QEA (mix-xellug għal-lemin) il-Membru preċedenti tal-QEA John Wiggins, ir-rebbieħa tal-premju Mieke Hoezen u l-President tal-QEA Vítor Caldeira, il-Lussemburgu, Ġunju 2013

Premju Fabra 2012 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri għar-riċerka fl-awditjar tas-settur pubbliku

Fil-25 ta' Ġunju 2013, il-QEA tat il-premju lis-Sinjura Mieke Hoezen fit-tieni edizzjoni tagħha tal-**premju tal-QEA għar-riċerka fl-awditjar tas-settur pubbliku**. L-għan ta' dan il-premju huwa li jingħata inċentiv u rikonoxximent għar-riċerka dwar kwistjonijiet tal-awditjar pubbliku. Fl-2013 ingħata ġieħ lill-memorja ta' Juan Manuel Fabra Vallés (1950-2012), President preċedenti tal-QEA, li permezz ta' xogħlu u tal-eżempju tiegħu kkontribwixxa għar-reputazzjoni tal-QEA bħala istituzzjoni Ewropea fuq quddiem nett fl-iżvilupp tal-awditjar tas-settur pubbliku.

Fiċ-ċerimonja pubblika, is-Sinjura Hoezen ippreżentat it-teżi rebbieħa tagħha intitolata "*The competitive dialogue procedure: negotiations and commitment in inter-organisational construction projects*" (Il-proċedura ta' djaolgu kompetittiv: negozjati u impenn fi proġetti ta' kostruzzjoni interistituzzjonali). Din hija studju tal-effettività ta' strument Ewropew – il-proċedura ta' akkwist tad-Djalogu Kompetittiv.

Is-Sinjura Hoezen hija riċerktriċi tal-esperjenza mill-Pajjiżi l-Baxxi. Hija kkompletat it-teżi tad-Dottorat tagħha fl-Università ta' Twente, il-Pajjiżi l-Baxxi, f'Ġunju 2012. Skont il-Kumitat tal-Għażla għall-Għoti tal-Premju 2012 tal-QEA, din it-teżi tikkontribwixxi għall-awditjar tas-settur pubbliku billi tagħti metodu għal studji ta' effettività, inklużi rikostruzzjoni tar-rettorika tal-politika, aspettattivi tal-mekkaniżmu u kejl tal-prestazzjoni reali.

Il-Kulleġġ tal-QEA

Il-Kulleġġ tal-QEA huwa magħmul minn Membru wieħed għal kull Stat Membru. Skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Membri tal-QEA jaqdu terminu ta' sitt snin, u l-mandati tagħhom jistgħu jiġġeddu.

Il-Membri huma assenjati għal waħda minn ħames awli. L-awli jadottaw rapporti u opinjonijiet tal-awditjar u jieħdu deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet strateġiċi u amministrattivi usa'. Kull Membru huwa wkoll responsabbli mill-kompiti proprji tiegħu, li huma primarjament relatati mal-awditjar. Ix-xogħol tal-awditjar ta' bażi jitwettaq mill-persunal tal-awditjar tal-QEA taħt il-koordinazzjoni tal-Membru responsabbli, li huwa assistit minn kabinett.

Huwa mbagħad jippreżenta r-rapport lill-awla u/jew lill-Qorti intiera għall-adozzjoni, u wara lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lil partijiet interessati rilevanti oħra, inkluża l-midja.

Fl-2013, wara nominazzjonijiet mill-Istati Membri tagħhom, u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ħatar tliet Membri ġodda fil-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Żewġ Membri ġodda ngħaqdu mal-QEA: is-Sinjura Iliana Ivanova (il-Bulgarija) f'Jannar u s-Sur George Pufan (ir-Rumanija) f'Lulju. Fl-1 ta' Lulju 2013, il-Kroazja saret it-28 Stat Membru tal-UE, u l-QEA laqgħet l-ewwel Membru Kroat tagħha, is-Sur Neven Mates.

Il-Kulleġġ tal-QEA fi tmiem l-2013

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
31/12/2013

President

Vítor Manuel
da SILVA CALDEIRA
Il-Portugall

Awla I - Preżervazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali

Dekan

Jan
KINŠT
Ir-Repubblika Ċeka

Ioannis
SARMAS
Il-Greċja

Michel
CRETIN
Franza

Augustyn
KUBIK
Il-Polonja

Rasa
BUDBERGYTĖ
Il-Litwanja

Kevin
CARDIFF
L-Irlanda

II apakšpalāta. Struktūrpolitika, transports un enerġētika

Dekan

Henri
GRETHEN
Il-Lussemburgu

Harald
NOACK
Il-Ġermanja

Lazaros S.
LAZAROU
Ċipru

Harald
WÖGERBAUER
L-Awstrija

Ville
ITÄLÄ
Il-Finlandja

Iliana
IVANOVA
Il-Bulgarija

Awla III - Azzjonijiet esterni

Dekan

Karel
PINXTEN
Il-Belġju

David
BOSTOCK
Ir-Renju Unit

Szabolcs
FAZAKAS
L-Ungerija

Gijs M.
de VRIES
Il-Pajjiżi l-Baxxi

Hans Gustaf
WESSBERG
L-Isvezja

Awla IV - Dħul, riċerka u politiki interni, u istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni Ewropea

Dekan

Louis
GALEA
Malta

Ladislav
BALKO
Is-Slovakkja

Milan Martin
CVIKL
Is-Slovenja

Pietro
RUSSO
L-Italja

Baudilio TOMÉ
MUGURUZA
Spanja

George
PUFAN
Ir-Rumanija

Neven
MATES
Il-Kroazja

Awla CEAD - Koordinazzjoni, evalwazzjoni, aċċertament u żvilupp

Dekan

Igors
LUDBORŽS
Il-Latvja

Kersti
KALJULAID
L-Estonja

Henrik
OTBO
Id-Danimarka

Strateġija ġdida għall-2013-2017: il-progress li sar

Fl-2013, il-QEA bdiet timplimenta l-istrateġija tagħha għall-2013 sal-2017. L-objettiv tal-QEA għal dan il-perjodu huwa li timmassimizza l-valur tal-kontribut tagħha għall-obbligu ta' rendikont pubbliku tal-UE. Biex jintlaħaq dan l-objettiv, il-prijoritajiet prinċipali huma li:

- il-prodotti tal-QEA jkunu ffukati fuq it-titjib tal-obbligu ta' rendikont tal-UE;
- issir ħidma ma' oħrajn biex tingħata spinta lill-kontribut tal-QEA għall-obbligu ta' rendikont tal-UE;
- il-QEA tiġi żviluppata aktar bħala istituzzjoni professjonali tal-awditjar;
- isir l-aħjar użu mill-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi tal-QEA;
- jiġu ddimostrati l-prestazzjoni u l-obbligu ta' rendikont tal-QEA.

Matul il-perjodu 2013-2017, il-QEA se tiffoka r-rapporti, l-opinjonijiet u l-osservazzjonijiet tagħha fuq il-ħtieġa li:

- jissaħħu l-arranġamenti tal-obbligu ta' rendikont pubbliku u tal-awditjar;
- jitjiebu l-ġestjoni finanzjarja u r-rappurtar dwar l-implimentazzjoni u l-impatt tal-baġit tal-UE; u
- jissaħħaħ it-tfassil tal-politiki u tal-programmi tal-infiq tal-UE.

Fl-2013, l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-QEA ffukat fuq:

- l-eżaminar u l-aġġornament tar-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2014 'il quddiem;
- it-tisħiħ tal-għażla u l-ippjanar tal-awditi permezz tal-introduzzjoni ta' sistema ġdida għall-programmazzjoni tax-xogħol biex il-QEA tkun tista' tiffoka b'mod aktar effettiv fuq il-prijoritajiet strateġiċi u l-ħtiġijiet tal-partijiet interessati;
- ir-rispons għad-domanda għal rapporti analitiċi dwar kwistjoniijiet usa' ta' nfiq pubbliku tal-UE permezz tat-tnedija ta' żewġ analiżijiet panoramiċi li għandhom jiġu ppublikati fl-2014, wieħed dwar diskrepanzi fl-obbligu ta' rendikont tal-UE u l-ieħor dwar ir-riskji kumplessivi tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE;
- l-iżvilupp u r-rendiment aktar professjonali tal-komunikazzjoni esterna u tar-relazzjonijiet mal-partijiet interessati permezz ta' miżuri speċifiċi li għandhom jiġu implimentati fl-2014;
- it-titjib tal-prattika tal-awditu tal-prestazzjoni tal-QEA permezz ta' evalwazzjoni bejn il-pari mill-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar tal-Ġermanja, Franza u l-Isvezja, li għandha tiġi ppubblikata kmieni fl-2014;
- iż-żieda fl-effiċjenza permezz tat-tħejjija ta' proposti għall-ottimizzazzjoni tal-allokazzjoni tar-rwoli u r-responabbiltajiet tal-awditjar u tas-simplifikazzjoni tal-proċess tal-awditu tal-prestazzjoni; u
- it-tfassil mill-ġdid tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-QEA biex jittejjeb il-kejl tal-prestazzjoni tal-QEA (il-paġni 40 sa 43).

Kejl tal-prestazzjoni tal-QEA

Mill-2008 'l hawn, il-QEA applikat indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) biex tinforma lill-maniġment dwar il-progress li sar lejn il-miri tagħha, biex tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet u biex tipprovdi informazzjoni dwar il-prestazzjoni lill-partijiet interessati tagħha. Il-KPIs tfasslu biex jirriflettu l-prijoritajiet tal-QEA u biex jiddimostraw il-prestazzjoni u l-obbligu ta' rendikont tagħha bħala istituzzjoni professjonali tal-awditjar.

L-indikaturi għandhom l-għan li jkejlu elementi ewlenin tal-kwalità u tal-impatt tax-xogħol tal-QEA, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari għall-opinjoni tal-partijiet interessati ewlenin, u l-effiċjenza u l-effettività tal-użu tagħha mir-riżorsi.

Il-KPIs ġew aġġornati għall-perjodu strateġiku 2013-2017. Ċifri kumparattivi huma pprovduti għal uħud mill-indikaturi, filwaqt li għal oħrajn l-indikaturi tkejlu għall-ewwel darba fl-2013.

Kwalità u impatt tax-xogħol tal-QEA

Il-QEA tivvaluta l-kwalità u l-impatt tar-rapporti tagħha bbażat fuq **evalwazzjoni mill-partijiet interessati**, **analiżijiet mill-esperti**, u s-**segwitu li jingħata għar-rakkomandazzjonijiet tagħha** għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE. Żdied KPI ġdid biex ikejjel il-**preżenza** tal-QEA **fil-midja**.

Evalwazzjoni mill-partijiet interessati

Il-QEA stiednet lill-**partijiet interesati prinċipali** tagħha – il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament Ewropew, il-Kumitat tal-Baġit tal-Kunsill, il-partijiet awditjati prinċipali fil-Kummissjoni u l-Aġenziji Ewropej, u l-Kapijiet tas-SAIs tal-UE – biex jikklassifikaw l-**utilità u l-impatt** tar-rapporti tagħha ppublikati fl-2013 fuq skala ta' ħames punti minn baxx ħafna għal għoli ħafna.

Evalwazzjoni mill-partijiet interessati



Ir-risposti juru li **98 %** tal-partijiet interessati prinċipali jivvalutaw ir-rapporti tal-QEA bħala utli għal xogħolhom, u **94 %** jqisu li għandhom impatt.

Analiżijiet mill-esperti

Kull sena, **esperti esterni indipendenti** janalizzaw il-kontenut u l-preżentazzjoni ta' kampjun tar-rapporti tal-QEA.

Fl-2013 l-analizzaturi ivvalutaw tmien rapporti speċjali u r-rapporti annwali 2012. Huma kklassifikaw il-kwalità ta' diversi aspetti tar-rapporti fuq skala ta' erba' punti li jvarjaw minn "b'nuqqasijiet sinfikanti" (1) għal "ta' kwalità għolja" (4).

Ir-riżultati jindikaw li l-analizzaturi esperti esterni jqisu l-kwalità tar-rapporti 2013 tal-QEA bħala 'sodisfaċenti'. L-analiżijiet jipprovdu lill-QEA b'**informazzjoni ta' valur dwar il-kwalità** tar-rapporti tagħha, u r-rakkomandazzjonijiet tal-analizzaturi jintużaw biex isir aktar titjib.

Analiżijiet tar-Rapporti tal-QEA mill-Esperti



Segwitu għar-rakkomandazzjonijiet

Mod ewlieni kif il-QEA tikkontribwixxi għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja huwa permezz tar-rakkomandazzjonijiet tagħha. Uħud mir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jiġu implimentati malajr, filwaqt li oħrajn jieħdu aktar żmien minħabba l-kumplessità tagħhom.

Il-QEA timmonitorja sistematikament il-punt sa fejn ir-**rakkomandazzjonijiet** tagħha jkunu **ġew implimentati mill-partijiet awditjati**. Sa tmiem l-2013, 70 % tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa fl-2011 u 60 % mill-kważi 500 rakkomandazzjoni maħruġa fl-2010-2013 kienu ġew implimentati.

Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-QEA skont is-sena li fiha nħarġu



Preżenza fil-midja

L-indikatur għall-preżenza tal-QEA fil-midja jipprovdi riflessjoni tal-**impatt** tagħha **fil-midja**. Huwa relatat mal-objettiv strateġiku tas-sensibilizzazzjoni dwar il-QEA, il-prodotti u s-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħha dwar l-awditjar.

Fl-2013, il-QEA identifikat **aktar minn 1 300 artikolu onlajn** relatati mar-rapporti speċjali tagħha, mar-Rapport Annwali 2012 u mal-istituzzjoni inġenerali. Total ta' 76 % mill-artikoli kien jikkonċerna r-rapporti tal-awditjar tal-QEA, filwaqt li dawk li jifdal kienu jittrattaw il-QEA inġenerali.

Suġġetti ta' referenza fil-midja



Użu effiċjenti u effettiv mir-riżorsi

Il-QEA tivvaluta l-effiċjenza u l-effettività tal-użu mir-riżorsi tagħha f'termini tal-abbilità tagħha li timplimenta l-programm ta' ħidma tagħha, li twettaq awditi f'waqthom u li tiżgura l-kompetenza professjonali tal-persunal tagħha.

Implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma Annwali 2013 tal-QEA



Implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma

Il-QEA tippjana l-awditi u kompiti oħra tagħha fil-programm ta' ħidma annwali tagħha, u timmonitorja l-progress matul is-sena.

Fl-2013, il-QEA implimentat **90 %** tal-programm ta' ħidma tagħha. Ir-rapporti annwali u r-rapporti annwali speċifiċi ġew prodotti kif ippjanat, iżda 70 % biss tar-rapporti speċjali ġew prodotti, parzjalment dovut għall-ħtieġa li kompiti riportati mill-2012 jiġu kkompletati. Il-kompiti mhux ikkompletati fl-2013 se jiġu **riportati għall-2014**. Il-QEA tkompli tiffoka fuq it-titjib tal-preċiżjoni tal-ippjanar tal-awditi u tal-effiċjenza tal-produzzjoni ta' rapporti speċjali.

Produzzjoni ta' rapporti speċjali

Biex ikollhom **impatt**, ir-rapporti speċjali tal-QEA – li jagħtu r-riżultati tal-awditi magħżula tagħha – jeħtieġu li jkunu **f'waqthom**. Fi snin reċenti il-QEA rnexxielha tqassar iż-żmien tal-produzzjoni tar-rapporti tal-awditjar tagħha. L-istrateġija 2013-2017 tfittex li ttejjeb aktar is-sitwazzjoni u għandu jkollha impatt viżibbli matul il-ftit snin li ġejjin.

Fl-2013 il-QEA adottat 19-il rapport speċjali, li minnhom **37 %** ġew prodotti fi ħdan it-tul ta' żmien massimu ta' 18-il xahar li l-QEA timmira li tilħaq. Iż-żmien medju meħud għar-rapporti speċjali adottati fl-2013 kien ta' **20 xahar** (simili għall-2012).

Durata ta' rapporti speċjali adottati fl-2013



Taħriġ professjonali

B'segwitu għal-linji gwida ppubblikati mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti, il-QEA timmira li tipprovdi **medja ta' 40 siegħa** (5 ijiem) ta' taħriġ professjonali lil kull awditur kull sena.

Fl-2013, il-persunal tal-awditjar tal-QEA qatta' medja ta' **6,4 jiem** fuq taħriġ professjonali (bl-esklużjoni ta' taħriġ lingwistiku). Dan huwa l-ogħla minn meta aħna bdejna nkejlu dan l-indikatur fl-2008, u jirrifletti l-impenn tal-QEA għall-eċċellenza tal-persunal tagħha.

Jiem ta' taħriġ professjonali għal kull awditur



Appoġġ għall-awditjar

Riżorsi umani

Allokazzjoni tal-persunal

B'rispons għas-sitwazzjoni ekonomika diffiċli fl-Unjoni Ewropea, u fi ħdan il-kuntest tar-riforma tar-Regolamenti tal-Persunal tal-UE li kienet għaddejja dak iż-żmien, fl-2011 l-Awtorità Baġitarja u l-Kummissjoni appellat lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE biex inaqqsu l-għadd tal-persunal tagħhom b'5 % bejn l-2013 u l-2017.

B'riżultat ta' dan, fl-2013, l-allokazzjoni tal-persunal (l-għadd ta' postijiet disponibbli) tnaqqset minn 900 (inklużi 13-il post addizzjonali previsti wara l-adeżjoni tal-Kroazja mal-UE) għal 891 uffiċjal u persunal temporanju (bl-esklużjoni ta' Membri, persunal kuntrattwali, esperti nazzjonali ssekondati u persuni f'taħriġ). 576 minn dawn jaħdmu fl-awli tal-awditjar (inklużi 120 fil-kabinetti tal-Membri). Ara t-tabella għal aktar informazzjoni.

Biex jikkontribwixxu għall-għan li jsir l-aħjar użu tar-riżorsi, l-attivitajiet kollha fl-2013 komplew isiru aktar effiċjenti permezz tas-simplifikazzjoni ta' proċeduri. Kull meta kien possibbli, il-postijiet mhux tal-awditjar li saru disponibbli permezz ta' żidiet fl-effiċjenza ġew skjerati mill-ġdid għall-awditjar. Għalhekk, l-għadd ta' postijiet tal-awditjar żdiedu bi 15 % mill-2008 'l hawn, filwaqt li l-għadd kumplessiv ta' postijiet allokati lill-QEA żdied biss b'4 % matul l-istess perjodu.

Reklutaġġ

Il-persunal tal-QEA għandu firxa wiesgħa ta' sfondi akkademiċi u professjonali, u l-kwalità ta' xogħlu u tal-impenn tiegħu hija riflessa fil-prodott tal-istituzzjoni. Il-politika ta' reklutaġġ tal-QEA ssegwi l-prinċipji ġenerali u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-istituzzjonijiet tal-UE, u l-forza tax-xogħol tagħha tinkludi kemm impjegati permanenti taċ-Ċivil kif ukoll persunal fuq kuntratti temporanji. Kompetizzjonijiet miftuħa għal postijiet fil-QEA jiġu organizzati mill-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Personal (EPSO).

Fl-2013, twettqu proċeduri addizzjonali tal-għażla biex jiġi rreklutat persunal temporanju (awdituri fil-livelli AD6 u AD10 u espert finanzjarju fil-livell AD13) u kap ta' unità. Il-QEA pprovdiet ukoll 91 skema ta' taħriġ lil gradwati universitarji għal perjodi ta' minn tlieta sa ħames xhur.

Fl-2013, il-QEA rreklutat 80 impjegat: 31 uffiċjal, 28 membru tal-persunal temporanju u 21 membru tal-persunal kuntrattwali. Il-QEA kellha suċċess partikolari fir-reklutaġġ ta' persunal ġdid f'postijiet tal-awditjar. L-għadd ta' **postijiet battala** ilu qrib it-3 % mill-2011 'il hawn.

Distribuzzjoni tal-persunal tal-QEA f'postijiet attivi fil-31 ta' Diċembru	2008	2009	2010	2011	2012	2013
Awditjar	501	525	557	564	573	576
Traduzzjoni	163	163	151	148	143	147
Amministrazzjoni	173	171	157	148	139	137
Presidenza	20	21	24	27	32	31
Total	857	880	889	887	887	891

Bilanċ bejn is-sessi

Il-QEA, bħall-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE, għandha politika ta' **opportunitajiet indaqs** fil-ġestjoni tar-riżorsi umani u r-reklutaġġ tagħha.

Il-QEA kisbet proporzjonijiet indaqs ta' rġiel u nisa fil-forza tax-xogħol tagħha, wara żieda gradwali matul is-snin fil-proporzjon ta' nisa.

Bilanċ bejn is-sessi



55 %
tal-persunal tal-QEA għandhom 44 sena jew anqas

Madankollu, mis-70 direttur u kap ta' unità, 21 (30 %) huma nisa, li huwa kumparabbli ma' snin preċedenti. Il-biċċa l-kbira huma impjegati fid-Direttorat tat-Traduzzjoni u f'dipartimenti amministrattivi. Fi tmiem l-2012, il-QEA adottat Pjan ta' Azzjoni għall-Opportunitajiet Indaqs biex tikseb bilanċ bejn is-sessi fil-livelli kollha. It-tabelli hawn taħt juru l-proporzjon ta' rġiel u nisa skont il-livell ta' responsabbiltà fil-31 ta' Diċembru 2013. Il-proporzjon ta' nisa fil-livell AD qed jiżdied. Wara l-kampanji ta' reklutaġġ l-aktar reċenti, 48 % tal-persunal kollu fil-livelli AD5 sa AD8 huwa femminili ('il fuq minn 43 % fl-2009).



Profil tal-età

Il-profil tal-età tal-persunal f'servizz attiv fil-31 ta' Diċembru 2013 juri li ftit aktar minn 55 % tal-membri tal-persunal tal-QEA għandhom 44 sena jew anqas.

Kważi 40 % tad-diretturi u tal-kapijiet tal-unitajiet għandhom 55 sena jew aktar. Dan se jwassal għal tiġdid sinifikanti fil-maniġment superjuri matul il-5 sa 10 snin li ġejjin.



Taħriġ professjonali

Il-persunal kollu tal-QEA jeħtieġ taħriġ kontinwu sabiex ikun jista' jibqa' aġġornat mal-iżviluppi professjonali u biex jiżviluppa ħiliet ġodda. Barra minn hekk, in-natura partikolari tal-ambjent tal-awditjar tal-QEA toħloq ħtieġa għal persunal b'ħiliet lingwistiċi tajbin.

Fl-2013, il-persunal tal-QEA rċieva medja ta' 9,6 ijiem ta' taħriġ professjonali kull wieħed (11,8 ijiem għall-awdituri). Il-korsijiet tal-lingwi rrappreżentaw 46 % minn dan it-total, meta mqabbel ma' 52 % fl-2012.

Fl-2013, il-kontenut tat-taħriġ ittejjeb ulterjorment u ġew żviluppati korsijiet ġodda biex jiġu ssodisfati prijoritajiet tal-awditjar, inklużi għadd ta' avvenimenti ta' taħriġ dwar suġġetti relatati mal-governanza finanzjarja u ekonomika (prijorità speċifika għall-perjodu strateġiku 2013-2017).

Traduzzjoni

It-traduzzjoni hija attività ta' appoġġ għall-awditjar li tippermetti lill-QEA twettaq il-missjoni tagħha u tilħaq l-objettivi tal-komunikazzjoni tagħha. Fl-2013, il-volum totali tax-xogħol tat-traduzzjoni laħaq rekord ta' 186 699 paġna, kważi 18 % aktar mill-piż tax-xogħol għall-2012. Aktar minn 99 % tat-traduzzjonijiet ġew ikkompletati fil-ħin.

Fl-2013, b'antiċipazzjoni tal-adeżjoni tal-Kroazja, il-Qorti rreklutat tim tat-traduzzjoni għal din il-lingwa.

Id-Direttorat tat-Traduzzjoni pprovda 29 missjoni ta' appoġġ lingwistiku għal awdituri li jivvjaġġaw (31 gimgħa) u matul fażijiet suċċessivi tal-abbozzar ta' rapporti tal-awditjar.

Ingħata appoġġ ukoll lil gruppi ta' ħidma tal-INTOSAI u għal ħtiġijiet speċifiċi oħra relatati mal-attivitajiet tal-awditjar tal-QEA. Fl-2013, id-Direttorat tat-Traduzzjoni implimenta ġenerazzjoni ġdida tal-għodda ta' traduzzjoni assistita minn kompjuter, STUDIO. Hija kienet attiva wkoll f'fora professjonali interistituzzjonali u internazzjonali.

Teknoloġija tal-informatika

It-teknoloġija tal-informatika (IT) hija element kritiku biex il-QEA tagħmel l-aħjar użu mill-għarfien tagħha filwaqt li tirrinforza l-effettività u l-effiċjenza tagħha. Fl-2013, minbarra ċ-ċaqliqa b'suċċess għall-binja K3 l-ġdida, il-QEA:

- irrinforzat l-investiment tagħha fil-**ġestjoni tal-għarfien**: verżjoni maġġuri tal-għodda l-ġdida tagħha għall-appoġġ tal-awditjar (Assyst2) ġiet rilaxxata u użata progressivament. Tnieda proġett ta' Sistema ta' Ġestjoni tal-Awditjar (AMS) għat-titjib tal-kapaċità ta' ppjanar u ta' ġestjoni ta' riżorsi. Ġie elaborat database ta' ħiliet bħala l-qalba għal netwerk soċjali tal-intrapriża – element ewlieni tal-kondiviżjoni u t-tixrid tal-għarfien – u għodda ġdida ta' tiftix hija operazzjonali.

- kompliet tappoġġa l-**mobbiltà**: il-kampanja "laptop għal kulħadd" ġiet ikkompletata, flimkien mal-introduzzjoni ta' Wifi fil-binjiet kollha, f'konformità mal-appoġġ għal post tax-xogħol aktar mobbli. L-infrastruttura tan-netwerk vokali u tad-*data* ġiet imtejba fil-binjiet K1 u K2 biex tiġi allinjata mal-istandard il-ġdid tal-K3, u b'hekk tippermetti l-introduzzjoni ta' komunikazzjonijiet unifikati madwar l-istituzzjoni.

- tejbet is-**sistemi** ewlenin **ta' informazzjoni**: ġew ikkompletati sit tal-internet ġdid tal-QEA biex jitjieb it-tixrid tal-prodott tal-awditjar u intranet ġdid biex jiġi ffaċilitat il-fluss ta' informazzjoni fi ħdan l-istituzzjoni. Sistema ġdida tal-evalwazzjoni tal-persunal ġiet introdotta biex tappoġġa s-simplifikazzjoni ta' dan il-proċess ta' negozju essenzjali.

Dawn l-iżviluppi twettqu filwaqt li kompliet tissaħħaħ is-**siġurtà** tal-operazzjonijiet u tad-dispożizzjonijiet ta' kontinwità tan-negozju sabiex jiġu garantiti d-disponibbiltà u l-kwalità meħtieġa tas-servizzi kollha tal-IT fil-QEA, filwaqt li ġew modernizzati elementi ewlenin tal-IT (eż. il-migrazzjoni għal Windows 7 u Office 2010).

Amministrazzjoni u faċilitajiet

Il-**missjoni** tad-Direttorat tal-Finanzi u tal-Appoġġ hija maqsuma fi tnejn:

a) li tipprovdi riżorsi, servizzi u faċilitajiet adegwati biex il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tkun tista' twettaq il-missjoni tagħha u tilħaq l-objettivi strateġiċi tagħha; u

b) li tiżgura li l-finanzjament, il-kontrolli interni u l-mekkaniżmi tal-kontabbiltà meħtieġa jkunu stabbiliti għall-appoġġ tal-attivitajiet kollha tal-QEA. Fl-2013, id-Direttorat kompla jiffoka fuq it-titjib ulterjuri tal-effiċjenza u l-ekonomija fl-attivitajiet tiegħu.

Sa April 2013, il-persunal tal-QEA mill-binjiet l-oħrajn kollha kienu ċċaqalqu għall-lokazzjonijiet finali tagħhom u, għall-ewwel darba fl-istorja reċenti, il-persunal kollu issa jinsab flimkien taħt saqaf wieħed.

Informazzjoni finanzjarja

Il-QEA hija **ffinanzjata** mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Dan jammonta għal madwar 0,095 % tal-infiq totali tal-UE u 1,62 % tan-nefqa amministrattiva totali.

Fl-2013 ir-rata kumplessiva ta' implimentazzjoni għall-baġit kienet ta' 92 %. Għat-Titolu 1 ir-rata kienet ta' 92 %, bil-perċentwal l-aktar baxx (91 %) fil-Kapitolu 12 (uffiċjali u aġenti temporanji). Ir-rata medja ta' implimentazzjoni għat-Titolu 2 kienet ta' 96 %.

L-ammont ta' pagamenti taħt il-Kapitolu 20 (proprjetà immobbli, eż. bini) kien affettwat mill-kostruzzjoni tat-tieni estensjoni għall-QEA, il-bini K3.

Implimentazzjoni tal-baġit 2013

SENA FINANZJARJA 2013	(A) Approprjazzjonijiet finali	(B) Impenji	% ta' użu (B)/(A)	Pagamenti
Titolu 1: Persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni				(f'elf EUR)
10 - Membri tal-istituzzjoni	14 616	13 612	93 %	13 431
12 - Uffiċjali u aġenti temporanji	97 772	89 312	91 %	89 306
14 - Persunal ieħor u provvisti ta' servizzi esterni	4 366	4 034	92 %	3 984
162 - Missjonijiet	3 700	3 510	95 %	2 713
161 + 163 + 165 - Nefqiet oħra marbuta ma' persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni	2 758	2 709	98 %	1 996
Subtotal Titolu 1	**123 212**	**113 177**	**92 %**	**111 430**
Titolu 2: Bini, għamara, apparat u spejjeż differenti tax-xogħol				
20 - Proprjetà immobbli	7 335	7 135	97 %	3 256
210 - IT&T	7 197	7 195	99 %	3 326
212 + 214 + 216 - Proprjetà mobbli (għamara) u spejjeż relatati	1 160	1 094	94 %	775
23 - Nefqa amministrattiva kurrenti	563	532	94 %	407
25 - Laqgħat u konferenzi	768	658	86 %	455
27 - Informazzjoni u pubblikazzjoni	2 526	2 120	84 %	1 221
Subtotal Titolu 2	**19 549**	**18 734**	**96 %**	**9 440**
Total QEA	**142 761**	**131 911**	**92 %**	**120 870**

Il-porzjon finali tal-finanzjament ta' EUR 3 miljun għal dan il-proġett ġie inkluż fil-baġit 2013; dan l-ammont ġie impenjat u mħallas parzjalment fl-2013.

Il-bilanċ ta' approprjazzjonijiet għall-bini K3 ġie riportat "il quddiem għall-2014 biex ikopri kuntratti ffirmati mill-Maniġer tal-Proġett, f'isem il-QEA ma' kumpaniji tal-kostruzzjoni.

-approprjazzjonijiet se jintużaw skont is-sottomissjoni magħmula mill-QEA lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-2008.

Baġit għall-2014

Il-baġit 2014 jirrappreżenta **tnaqqis ta' 6 %** meta mqabbel mal-2013. Dan jinkludi t-tnaqqis f'approprjazzjonijiet għall-proġett tal-bini K3.

Baġit għall-2014

BAĠIT	2014 (f'elf EUR)	2013 (f'elf EUR)
Titolu 1: Persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni		
10 - Membri tal-istituzzjoni	15 175	14 566
12 - Uffiċjali u aġenti temporanji	93 180	97 772
14 - Persunal ieħor u provvisti ta' servizzi esterni	4 096	4 176
162 - Missjonijiet	3 700	3 700
161 + 163 + 165 - Nefqiet oħra marbuta ma' persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni	2 612	2 728
Subtotal Titolu 1	**118 763**	**122 942**
Titolu 2: Bini, għamara, apparat u spejjeż differenti tax-xogħol		
20 - Proprjetà immobbli	3 350	8 327
210 - IT&T	7 110	7 197
212 + 214 + 216 - Proprjetà mobbli (għamara) u spejjeż relatati	808	830
23 - Nefqa amministrattiva kurrenti	438	413
25 - Laqgħat u konferenzi	768	768
27 - Informazzjoni u pubblikazzjoni	2 261	2 284
Subtotal Titolu 2	**14 735**	**19 819**
Total QEA	**133 498**	**142 761**

Awditu u obbligu ta' rendikont

Awditu intern tal-QEA

L-Awditur Intern jagħti parir lill-QEA dwar it-trattament ta' riskji billi joħroġ opinjonijiet dwar il-kwalità tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, u billi joħroġ rakkomandazzjonijiet bl-objettiv li jtejjeb l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet u li jippromwovi l-ġestjoni finanzjarja tajba. Barra minn hekk, l-Awditur Intern jipprovdi appoġġ għax xogħol tal-awdituri esterni, li l-mandat tagħhom huwa li jiċċertifikaw il-kontijiet tal-Qorti. L-Awditur Intern irrapporta lill-QEA r-riżultati tal-awditi mwettqa matul l-2013, is-sejbiet, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula u l-azzjonijiet meħuda dwar dawk ir-rakkomandazzjonijiet. Il-QEA tirrapporta wkoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull sena dwar ir-riżultati tal-attività tal-Awditu Intern.

Awditu estern tal-QEA

Il-kontijiet annwali tal-QEA huma awditjati minn awditur estern indipendenti. Dan huwa element importanti fis-sottomissjoni tal-QEA għall-istess prinċipji ta' **trasparenza u obbligu ta' rendikont** kif dan japplika għall-partijiet awditjati tagħha.

Ir-rapport tal-awditur estern – **Pricewaterhouse-Coopers Sàrl** – dwar il-kontijiet tal-QEA għas-sena finanzjarja 2012 ġie ppubblikat fl-4 ta' Ottubru 2013.[3]

3 ĠU C 288, 4.10.2013.

Opinjonijiet tal-awditur estern – sena finanzjarja 2012

Dwar ir-rapporti finanzjarji:

Fl-opinjoni tagħna, ir-rapporti finanzjarji jagħtu stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-31 ta' Diċembru 2012, u tal-prestazzjoni finanzjarja tagħha u tal-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u mar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament Finanzjarju.

Dwar l-użu ta' riżorsi u l-kontroll ta' proċeduri:

Ibbażat fuq ix-xogħol tagħna kif deskritt f'dan ir-rapport, ma hemm xejn li ġibed l-attenzjoni tagħna biex iġiegħlna nemmnu li fl-aspetti materjali kollha u bbażat fuq il-kriterji deskritti hawn fuq:

- ir-riżorsi assenjati lill-QEA ma ntużawx għall-għanijiet li għalihom kienu intenzjonati;
- il-proċeduri ta' kontroll stabbiliti ma jipprovdux il-garanziji meħtieġa biex jiżguraw il-konformità tal-operazzjonijiet finanzjarji mar-regoli u r-regolamenti applikabbli.

Dikjarazzjoni mill-uffiċjal awtorizzanti b'delega

Jien hawn taħt iffirmat, is-Segretarju Ġenerali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, fil-kapaċità tiegħi bħala uffiċjal awtorizzanti b'delega, b'dan:

- niddikjara li l-informazzjoni li hawn f'dan ir-rapport hija vera u preċiża; u
- nistqarr li għandi aċċertament raġonevoli li:
  - ir-riżorsi assenjati lill-attivitajiet deskritti f'dan ir-rapport intużaw għall-għan li għalih kienu intenzjonati u f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba;
  - il-proċeduri ta' kontroll stabbiliti jipprovdu l-garanziji meħtieġa fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet u jiżguraw trattament adegwat ta' allegazzjonijiet ta' frodi, jew ta' frodi ssuspettata; u
  - l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-kontrolli huma adegwati.

Dan l-aċċertament huwa bbażat fuq il-ġudizzju tiegħi u fuq l-informazzjoni li kelli għad-dispożizzjoni tiegħi, bħar-rapporti u d-dikjarazzjonijiet tal-uffiċjali awtorizzanti b'subdelega, ir-rapporti tal-awditur intern u r-rapporti tal-awditur estern għas-snin finanzjarji preċedenti.

Nikkonferma li ma għandi ebda għarfien dwar kwalunkwe ħaġa li mhijiex irrappurtata hawnhekk li tista' tkun ta' detriment għall-interessi tal-istituzzjoni.

Il-Lussemburgu, il-11 ta' Marzu 2014

Eduardo Ruiz García
Segretarju Ġenerali

KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- kopja waħda:
  permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
  mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
  mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
  billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
  jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

  (*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

Abbonamenti bi ħlas:

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).

QJ-AA-14-001-MT-C ISSN 1831-1318

IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzioniijet

ISBN 978-92-9241-760-4
9 789292 417604